# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## ta' Ħal Safi



*Festa 2018*

Ħarġa No. 40

# *Leħen il-Parroċċa ta'* Ħal Safi




***Ritratt tal-faċċata:***

***Ix-xbieha tal-Appostlu San Pawl li tintrama fuq l-Artal Maġġur fi żmien il-Festa***

**Bord Editorjali**
***President:***
Kappillan
Kan. David Farrugia

***Editur:***
Dorian Baldacchino

***Ritratti:***
Dorian Baldacchino, Stephen Baldacchino, Matthew Caruana, Carl Farrugia, Atelier del Restauro, Silvio Pace.

***Indirizz:***
21, Triq Santa Marija,
Safi - SFI 1211
Tel: 21649223

**Issettjat u Stampat**
**Print Right Ltd. - Qormi**
**Tel:** 21250994
**Mob:** 99490344
**e-mail:**printright@onvol.net

# F'din il-Ħarġa

**1.** Editorjal

**3.** Messaġġ mill-Kappillan

**7.** Messaġġ minn Dun Karm Zammit

**9.** Sem. Tony Pace jintervista lir-Rev. Matthew Pulis

**14.** Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2017-2018

**20.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**24.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**28.** Rendikont Festa San Pawl 2016

**31.** L-E.T. Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna Viżta Pastorali f'Ħal Safi

**40.** Programm tal-Festa 2018

**44.** Memorji mill-isbaħ tal-Festa 2017

**50.** Il-Perù jibqà jsejjaħli

**58.** L-Indja: Ħolma jew realtà?

**67.** Rakkonti: Gianni Vella u l-Koppla tal-Knisja ta' Ħal Safi

**71.** Messaġġ mis-Superjur

**73.** Messaġġ mis-Superjura

**76.** Il-Kosovo: Fejn nitgħallem l-Umiltà u s-Sempliċità

**78.** Mir-Reġistri tal-Parroċċa u Avviżi



*Editorjal*

# *L-Għaqda fil-Komunità Parrokkjali*

***Dorian Baldacchino***

Hemm diversi okkażjonijiet li jgħaqqduna bħala poplu. Fost dawn l-okkażjonijiet li jgħaqqduna b'mod speċjali bħala raħal, insibu l-festi tal-Milied u tal-Ġimgħa Mqaddsa, kif ukoll il-festa li ta' kull sena nagħmlu b'solennità kbira ad unur il-Patrun tagħna, l-Appostlu Missierna San Pawl.

L-għaqda hija l-isbaħ ħaġa fil-ħajja tal-bniedem u tal-komunità; għaqda titnissel mill-imħabba u l-imħabba tnissel il-ferħ fil-ġewwieni tal-persuna: fil-qalb u fir-ruħ. Kif jgħid San Pawl lill-Korintin, *l-Imħabba ma tintemm qatt*. Kemm iserrħu rashom u jifirħu l-ġenituri meta jaraw l-ulied tagħhom li jafu jirrispettaw u jinħabbu u magħqudin bejniethom.

Hekk ukoll jifraħ bil-wisq aktar Missierna tas-sema li ħalaqna lkoll aħwa u jridna nħobbu u naħfru lil xulxin biex jiġri x'jiġri nibqgħu magħqudin f'qalb waħda. San Pawl huwa l-eżempju ħaj li jgħallimna mill-ħajja tiegħu x'inhi l-maħfra. Hu stess kien iħeġġeġ lill-ewlenin Insara biex jaħfru saħansitra lill-persekuturi tagħhom u biex jibqgħu magħqudin fil-komunitajiet li huwa stess waqqaf. Il-kmandament tal-imħabba jiġi l-ewwel post fil-liġijiet li Alla tana.

Dan kollu jurina l-importanza li nżommu l-għaqda ta' bejnietna u li nibżgħu għaliha biex qatt ma nitilfuha. Għall-grazzja ta' Alla, Ħal Safi għandu fama ma' Malta għall-kwiet u l-paċi mhux biss għax imdawwar bl-għelieqi, imma wkoll għax niesu jafu juru ġenerożità.

Nappella għalhekk ħalli nibqgħu nibżgħu għal dawn il-valuri sbieħ anke fil-festa tagħna. Dawn il-valuri mhux biss jibnuna fil-hena tas-sema, imma saħansitra jpaxxu lil Alla Missierna u lill-Patrun qaddis tagħna.

Nagħlaq billi f'isem il-*board* editorjali, nixtieq nirringrazzja lis-Sur Tarcisio Barbara għall-kontribuzzjoni li ta lil dan il-fuljett għal diversi snin.

Minn qalbi nixtieq nawgura festa tajba u qaddisa lil kulħadd!

## tower ironmongery





*suppliers of:*
Building Materials,
D.I.Y., Power Tools & Hand Tools,
Electrical & Plumbing, Water Heaters,
Grouting, Cement, Lime & Adhesive Products,
Drain Pipes & Fittings,
Galvanised Pipes & Fittings,
Aluminium Ladders, Curtain Rails, Rużuni,
Sanitary Fittings, Garden Tools,
Plastic Chairs & Tables,
Fans, Barbecues, Heaters,





## SIGMA PAINT DISPENSING SYSTEM



- An endless variety of colours to choose
- Available in three different sizes
- Interior & Exterior Paint
- Mixed while you wait



**Tower Street, Żurrieq ŻRQ 2360**
**Tel: 2164 0196**
**E-mail:** sales@towerirmongery.com



Messaġġ għall-Festa 2018 mill-Kappillan

# San Pawl: Id f'id ma' Alla u mal-bniedem

*Kan. David Farrugia*

Il-Festa ta' San Pawl, hekk għażiża għal l-Ħalsafin, u tant għal qalb ukoll ta' bosta devoti Pawlini Maltin, reġgħet magħna. Għalhekk, filwaqt li nagħtikom merħba, din is-sena nixtieq naqsam magħkom dawn il-ftit ħsibijiet.

Nhar il-25 ta' Jannar 2017, Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, l-Eminenza Tiegħu, il-Kardinal Gianfranco Ravasi, li kien qiegħed f'pajjiżna jagħti xi konferenzi, mexxa quddiesa għand is-Sorijiet Klarissi fil-Monasteru ta' San Ġiljan, u fl-omelija tiegħu rrifletta dwar kif fil-ġrajja tal-Konverżjoni ta' San Pawl insibu żewġ idejn simboliċi importanti, *"żewġ idejn li jimxu magħna fl-istorja tal-vokazzjoni tagħna u li rridu nkomplu ngħixu."*

**L-Id ta' Alla**

Aħna nafu li Alla spiss hu rrappreżentat bi xbihat, u fosthom insibu l-id ta' Alla, id li hija soda, u li hija simbolu fundamentali fil-Bibbja. Issa, jekk aħna nqallbu fl-ittri ta' Pawlu biex insibu tifkira tal-vokazzjoni tiegħu, hemm is-sejħa li seħħet fi triqtu lejn Damasku. Fl-Ittra lill-Filippin, meta jirrakkontalhom il-vokazzjoni tiegħu, hu jgħid *"Jien ġejt maħtuf minn Kristu"*. Biss il-verb Grieg litteralment ifisser li wieħed jiġi maħtuf mill-baxx lejn l-għoli: *"Jien ġejt maħtuf u miġbud 'il fuq"*. [Fil:3:12] Ejjew nagħrfu li bħal donnu hemm l-id ta' Alla li qed taħtfu. U fil-Vatikan, fil-Kappella hekk imsejħa Pawlina, għax imsemmija għall-Papa Pawlu III li bnieha, hemm pittura tal-artist magħruf Michelangelo Buonarroti, li tirrappreżenta dak li seħħ fit-triq ta' Damasku: l-Appostlu qiegħed mal-art, għajnejh magħluqa għax għamieh id-dawl, u mill-għoli nieżel bħal dawl qawwi sparat lejn l-art, u hemm l-id ta' Kristu, li qed tinżel mhux biss biex tindika, imma saħansitra biex taħtaf lil Pawlu. Hawn hi allura l-ewwel id: **L-id tal-grazzja**, li hi l-imħabba ta' Alla li tiġi qabilna u tgħaddina, l-id li bħal donnha tinżel biex terfa' lil Sawlu, dan ir-raġel li kien qed jippersegwita lill-Imgħallem Ġesù fid-dixxipli tiegħu, u li issa jidher li mwaqqa' u hu agħma. Naturalment, mal-id ta' Alla trid tikkorrispondi l-id ta' kull wieħed minna bħalma finalment ikkorrispondiet l-id ta' San Pawl biex Kristu tassew isir magħruf u maħbub.

**L-Id tal-Proxxmu**

Biss, minbarra l-id ta' Kristu, ejjew nintebħu li hemm ukoll id oħra li tgħin lil Pawlu, id li trid tiltaqa' u tingħaqad ma' tagħna. Fil-ġrajja tal-konverżjoni ta' San Pawl nisimgħu li billi ma setax jara minħabba d-dija ta' dak id-dawl, dawk li kienu miegħu mexxewh minn idu u hekk wasal Damasku. Hemmhekk kien hemm ċertu Ħananija, wieħed li kien josserva l-liġi b'devozzjoni kbira, u Pawlu jgħid: "*Ġie għandi, resaq lejja u qalli: 'Sawl, ħija, erġa' ara'*". Araw, aħna għandna bżonn ukoll l-id ta' xi ħadd ieħor li hu bħalna, li għandu ħajja li tidher. Din l-id hi importanti daqs ta' Kristu, għax din l-id tgħinna nagħrfu u naraw. Hi **l-id tal-proxxmu** li jagħti kasna, li jgħinna nimxu, u li bħal Ħananija kif għamel ma' San Pawl, li tgħinna nagħrfu u naraw id-dawl fil-fidi u l-ħajja Nisranija.

**U aħna: X'se nagħmlu b'idejna?**

F'dawn il-jiem speċjali għalhekk ħalluni npoġġi dawn il-mistoqsijiet li fil-fond ta' qalbna ta' min naraw li nagħtu tweġiba urġenti u ċara:

- Lesti li nibqgħu nqiegħdu idejna f'dik ta' Kristu?
- Lesti li b'rieda sħiħa nagħtuh il-libertà tagħna bħala persuni,
  jew qed inserrħu l-kuxjenza tagħna bi ftit ħin?
- Jew qed nispiċċaw nikkuntentaw ruħna u aktar sodisfatti
  li ningħalqu fina nfusna, fil-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna,
  jew fi stili ta' ħajja li jirrifjutaw l-id ta' Alla?
  *Wisq nibża' li nitħeġġu għal tant affarijiet u għal Alla qed nibirdu,*
  *jew inkunu superfiċjali miegħU.*
  *Ma naqgħux għat-tentazzjoni qawwija tar-reżistenza!*
  *Imma ejjew nagħrfu li aħna għandna r-responsabbiltà, ta' kuljum,*
  *li nifthulu l-bieb.*
- Lesti li noħorġu jdejna mill-but, mhux biss bi flus għal xi għajnuna finanzjarja li nistgħu noffru lil min hu fi bżonn, imma saħansitra biex jaqbdu f'tal-oħrajn, allavolja jistgħu jimtlew bl-għaraq u t-trab?
- Għax x'jiswielna jekk, meta nippreżentaw ruħna quddiem Alla,
  ikollna jdejna ndaf għax żammejniehom fil-but?
  *Wisq nibża' li l-għajnuna li nistgħu noffru qed inkejluha ma' x'ikun jaqbel lilna,*
  *u ma' sodisfazzjon ta' xi kurżitajiet dwar individwi, milli mal-vera ġenerożità.*
  *Ma naqgħux għat-tentazzjoni qawwija tas-suppervja*
  *li ma tħalliniex inkunu umli!*
  *Imma ejjew nagħrfu noħorġu jdejna għall-oħrajn*
  *mingħajr ma nħallu xi preġudizzji iwebbsulna qalbna.*

Mela bla biża', ejjew nistiednu lil Alla jgħaddi f'ħajjitna u nħalluh jeħodna f'idejH. Ejjew nafdawH, anke jekk ma nifhmuhx u xi drabi nbatu għax ikun qed jonġorna ħalli jirfinana! Ejjew ma nħallux idejna jintelqu imma jkunu l-idejn qawwija sodi

li jfarrġu u jagħmlu kuraġġ lil tant persuni biex verament nirriflettu u nwasslu bil-fatti l-imħabba qawwija ta' Kristu Ġesù.

Filwaqt li nirringrazzja lil dawk kollha li flimkien se nkunu qed naħdmu biex niċċelebraw kif xieraq lil bniedem ta' Alla, lil San Pawl, inħeġġiġkom biex b'mod jew ieħor l-imħabba tagħna lejn San Pawl tissarraf f'aktar ħin għal Alla u aktar rispett lejn il-bnedmin ta' madwarna. Ejjew nagħmlu din il-festa differenti, ħa tkun waħda li tħalli bidla fina u madwarna.

Minn qalbi, nawgura lilkom u l-familji tagħkom festa sabiħa u qaddisa, fejn il-grazzja ta' Alla tkompli sseddaqna bejnietna.

Viva San Pawl u l-Festa t-Tajba lil kulħadd!



***Infittxu lil Kristu...***
***għax Kristu jfittixna***
*"Jien kuljum nistennik"*



**Cassar Florist**
**& Bargain Shop**
(Taz-Zizzu)

*For your: Wedding Flowers,*
*Holy Communion,*
*Head-dresses, Engagement*
*Parties, Funerals, Wedding*
*Invitations, Souvenirs, Tulle*
*& Accessories for all occasions.*

**Triq G. Mattew Callus, Żurrieq**
**Tel. Shop: 2164 0501**
**Mob: 9946 7457, 9989 7385**



**FAST, RELIABLE**
**& AFFORDABLE**

- Construction Works
- Concrete and Form Works
- Printed and Stencilled Concrete Paving
- Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
- Installation of Earth Electrode
- Laying of Waterproofing Membrane
- Hire of Plant and Machinery
- Refurbishing of Pavements
- Road Patching Work

J.&K. Contractors Ltd.

102, Triq Il-Hammieri,
Qormi QRM 1505
E: jkcontractors@mail.global.net.mt
T/F: 21447805
M: 99494813 / 99404821





Messaġġ għall-Festa 2018

# San Pawl u l-Ħniena

*Dun Karm Zammit*

Qed nikteb dan il-messaġġ għall-Festa ta' din is-sena fid-dawl tax-xewqa li għandu l-Papa Franġisku sabiex kull Nisrani jkun tassew bniedem li jemmen u jittama, u juri dan billi jħobb u jħenn.

Infakkar li biss biss il-Papa kien nieda l-ĠUBLEW STRAORDINARJU TAL-ĦNIENA fil-11 ta' April 2015, permezz tal-Bulla *Misericordiae Vultus*, biex imbagħad bdejna ngħixu dan il-Ġublew mit-Tlieta, 8 ta' Diċembru 2015 sal-Ħadd 20 ta' Novembru 2016. U, għax forsi aħna nillaxkaw u ninsew, nibqgħu nagħtu widen għal din l-għajta tal-Papa biex nagħrfu l-ħniena ta' Alla u nuru ħniena madwarna. Għalhekk, ta' min inħeġġiġkom biex nagħrfu kemm il-Papa Franġisku jiġi ispirat mill-Ittri ta' San Pawl waqt li jagħtina aktar tagħlim dwar il-Ħniena.

Mhux possibli li nġib ir-referenzi kollha li hemm f'dan id-dokument *Misericordiae Vultus*, imma se nġib xi wħud minnhom li żgur għandhom jolqtuna fil-laħam il-ħaj:

"Timxux max-xejra ta' din id-dinja,
iżda nbiddlu billi ġġeddu l-mod tagħkom kif taħsbu,
biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla,
x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett."
(Rumani 12:2)

"Ilqgħu lil xulxin bħalma Kristu wkoll laqa' lilkom, għall-glorja ta' Alla."
(Rumani 15:7)

"Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg,
ma hemmx ilsir u anqas ħieles ...
għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù.
(Galatin 3:28)

"Ladarba għall-ħniena ta' Alla aħna għandna dan il-ministeru,
ma naqtgħux qalbna;
imma nwarrbu kull ħabi u għajb;
u la nimxu bil-qerq u lanqas ngħawġu l-kelma ta' Alla,
iżda nuru l-verità kollha u nħallu l-kuxjenza ta' kull bniedem
tiġġudikana hi quddiem Alla."
(2 Korintin 4:1-2)

"Meta feġġet it-tjieba ta' Alla, Salvatur tagħna, u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin, hu salvana bil-ħasil ta' twelid ġdid u t-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu, mhux minħabba l-opri tajba li stajna għamilna aħna, iżda minħabba l-ħniena tiegħu.

Dan l-Ispirtu hu xerrdu bil-kotra fuqna b'Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna, biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem skont it-tama li għandna."
(Titu 3:4-7)

Ħadt dawn il-kwotazzjonijiet minn fost il-ħafna li nsibu fl-Ittri ta' San Pawl, biex nitħeġġu aktar, nuru tjieba u ħniena ma' xulxin speċjalment fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

**SAN PAWL MISSIERNA,**
**għinna ngħixu tajjeb bejnietna**
**kif għallimtna int**
**ħalli tassew nimxu fuq il-passi tiegħek**
**għall-glorja ta' Alla.**

**SAN PAWL MISSIERNA**
**BIEREK LILNA U LIL MALTA TAGĦNA!**


EURO Caterers

**Sales and Contract Hire of Slush Machines.**

*Testaferrata Street, Żurrieq*
*Tel/Fax: (00356) 2164 2647*
*E-mail: tempOO@nextgen.net.mt*
*Contact Person: Mario Attard*



## Intervista mar-Reverendu Matthew Pulis (Djaknu)

*Tony Pace - Seminarista Sena 2*

*Niltaqa' mar-Reverendu Matthew Pulis l-iktar waqt il-lectures fl-Università ta' Malta, kif ukoll fis-Seminarju tal-Virtù r-Rabat fejn aħna nsegwu kors ta' formazzjoni għas-Saċerdozju.*



*Naraw kif l-istorja ta' Matthew hija relevanti ħafna għall-familji li jixtiequ jrabbu lil uliedhom fl-għożża tal-Fidi Nisranija.*

**Profil ta' Matthew**:
Matthew huwa mill-Iklin, oħtu miżżewġa u għandha tifel. Matthew daħal is-Seminarju biex jibda t-tħejjija għas-saċerdozju meta kellu 27 sena, wara li lesta Masters fl-Informatika.

*Tliet snin ilu ġejt Ħal Safi waqt il-ġbir għas-Seminarju.*
*Baqagħlek xi memorja ta' din iż-żjara*?
**Matthew:** Iva, niftakar kellmitni koppja li qaluli kemm kienu nkwetati għax għandhom tifel li kien għaddej minn perijodu fejn ma riedx jaf bil-Knisja. It-tifel tagħhom kellu ħafna dubji dwar il-fidi. Iddeċidew li jkellmuni wara li jiena semmejt li kelli perjodu simili f'ħajti. Proprjament għamilt ħames snin bogħod mill-knisja. Ħafna domandi fixkluni, u ħassejt li fil-Knisja ma kienx posti. Inħoss li Alla tani l-grazzja li nerġa' lura fi ħdan il-Knisja tiegħu.

*Għidilna iktar dwar ħajtek ...........*
**Matthew**: Ħdimt Londra f'kumpanija tal-IT. Konna nipprovdu *software* relatat mal-mapep. Rigward il-fidi tiegħi kont ilni mħawwad numru ta' snin. Meta kont Malta ommi baqgħet dejjem tqajjimni kull nhar ta' Ħadd għall-quddiesa, u ngħid id-dritt, kont nibqa' rieqed biex naħrab minn dak li kont qed inħoss fil-fond ta' qalbi. Fil-verità, kull meta kienet tissemma l-kelma 'vokazzjoni', jew 'saċerdot', dejjem qisni ħassejt xi ħaġa tinfidni. Kien proprju b'mod subkonxju li ddeċidejt li nitla' naħdem Londra, għalkemm kelli xogħol pjuttost għal qalbi mal-Awtorità

tal-Gaming. L-għażla kienet pjuttost ħarba minn dak li bil-mod il-mod beda jsir aktar ovvju. Ħriġt ma' tfajliet, imma qisni bħal dejjem ħassejt li ż-żwieġ ma kinitx il-vokazzjoni vera tiegħi. Fil-fond ta' qalbi aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdejt ninduna lejn xiex verament kont imsejjaħ. Kien waqt li kont qed naħdem fuq it-teżi meta kelli 'esperjenza ta' konverżjoni', fejn ħassejt li l-Mulej qed joffrili ċans ieħor. Xħin tkellimt ma' Dun Pawl Camilleri, saċerdot li jgħin fil-parroċċa tal-Iklin, qalli li aħjar ma ngħaġġilx u ssuġġerixxa li nħalli 'l-Mulej jurini eżatt xi jrid minni. Għalkemm Londra tlajt biex naħrab, ix-xewqa li nfittex xi jrid minni l-Mulej baqgħet dejjem tberren f'moħħi, u naħrab kemm naħrab wasalt f'mument f'ħajti fejn lill-Mulej kelli ngħidlu: "Ikun dak li trid int!."

*Missierek għadu jaħdem ir-raba' sal-lum.*
*Ġieli tħajjart taqbad il-biedja bħala mestier*?
**Matthew**: Le, qatt!

*X'sibt l-iktar diffiċli fis-Seminarju*?
**Matthew**: Il-komunità. Għalkemm ħafna meta jiġu s-Seminarju jgħidulna kemm għandkom paċi, malajr tinduna li trid tgħix ma' nies normali u mhux ma' xi nies speċjali. U fejn hemm in-nies xi diżgwid dejjem se jkun hemm. Il-fatt li ġejjin minn esperjenzi differenti, minn *backgrounds* u etajiet differenti, huwa dejjem sfida. Normalment wieħed jagħżel lil sħabu hu, imma fis-Seminarju huwa l-Mulej li għażilna u poġġiena flimkien biex nikbru flimkien u ngħinu lil xulxin niskopru r-rieda tal-Mulej għalina. Din għalija kienet sfida kbira. Imma bil-għajnuna ta' Alla kif ukoll tal-*formators,* jien u nħares lura lejn is-snin fis-Seminarju ninduna kemm il-Mulej kabbarni u ffurmani, grazzi għad-diskussjonijiet u xi kultant anke l-argumenti illi kellna jien u sħabi.

*Semmi diffikultà li tantiċipa li se jkollok bħala saċerdot.*
**Matthew**: Diffikultà ta' *time-management*.

*Tidentifika xi prijorità li tħoss li għandha taħdem fuqha l-Knisja Maltija?*
**Matthew**: Nara żewġ prijoritajiet.
(1) Naħseb illi l-Knisja jeħtieġ tirrifletti dwar il-mod kif qed tippreżenta l-ħsieb tagħha. Il-Komunikazzjoni: naħseb li ħafna drabi tant nieħdu l-messaġġ tagħna bħala sabiħ u importanti li meta niġu biex nikkomunikawh nispiċċaw ma nfehmux il-ħsieb tagħna bi kliem li jiftiehem u allura niġu miftiehma bħala nies li dejjem noħorġu kontra.
(2) Jeħtieġ ninvestu iktar fil-pastorali taż-żgħażagħ.

*Ftit ilu tlift persuna għażiża. Min kienet għalik iz-zija Marie?*
**Matthew**: Iz-zija Marie kienet iz-zija t'ommi, dik li rabbietha – għalija kienet qisha n-nanna tiegħi. Xi ħaġa li żgur dejjem ser inġorr miegħi hija l-pożittività li dejjem kellha. Din il-pożittività kienet frott il-fiduċja kbira li kellha f'Alla. Għal kull problema, dejjem lissnet il-frażi: "U nħallu f'idejn Alla!". Kienet persuna li għaliha t-talb kien xi ħaġa essenzjali f'ħajjitha, u kull meta kont inkun għandha dejjem tatni eżempju ta' kif għandi nħalli l-Mulej jaħdem f'ħajti. Żgur u mhux forsi li l-vokazzjoni tiegħi nafha xi ftit ukoll għall-eżempju u t-talb tagħha.

*Kellek xi esperjenza li ħalliet impatt kbir fuqek?*



**Matthew**: Brussell u l-Perù. Kien hemm kuntrast kbir bejn iż-żewġ esperjenzi. Fi Brussell iltqajt ma' ħafna nies li għalkemm għandhom dħul sostanzjali, però għandhom faqar eżistenzjali. Mhux l-ewwel darba li persuna qaltli kemm tħossha qed teżisti u mhux tgħix. Li kieku mhux għall-paga, żgur li ħafna jagħmlu għażliet differenti. Il-Perù l-esperjenza kienet differenti. Hemmhekk iltqajt ma' faqar differenti: faqar ta' nuqqas ta' flus u ta' tama. Għalkemm hemm problema ta' faqar, iltqajt ma' faqar li ma kontx qed nistenna. Ħafna nies m'għandhomx tama għal futur aħjar.

*X'parir tagħti lill-ġenituri li jiddispjaċihom jaraw lil xi ħadd minn uliedhom jitbiegħed mis-sagramenti, mill-Knisja u mill-quddies?*
**Matthew**: Żgur li m'għandekx tiffitta lil ħadd biex imur il-quddies, imma kemm jista' jkun tipprovdi ambjent ta' djalogu li huwa differenti minn sempliċi diskussjoni. Importanti li jħoss li fik se jsib dejjem persuna li se tifhmu f'kull deċiżjoni li jieħu, anke meta ma taqbilx magħha. Importanti ħafna li qatt ma jħossu ġġudikat imma dejjem milqugħ. Jien ommi dejjem kienet tiġi tqajjimni filgħodu, però qatt ma ħassejtha tiġġudikani. Ovvjament, it-talb tal-ġenituri jasal ħafna, għalhekk żgur qatt m'għandek tieqaf titlob għalih jew għaliha.

*Temmen li Evanġelizzazzjoni online hija possibbli? X'forma ttiha kieku int?*
**Matthew**: Mhijiex biss possibbli, imma essenzjali. Ħafna żgħażagħ jinsabu ħafna aktar *online*, speċjalment fuq il-midja soċjali. Għalhekk żgur li l-Knisja għandha bżonn tifhem, u tidħol tevanġelizza f'din il-kultura wkoll. Wisq nibża' li għandna

bżonn inxammru l-kmiem u nibdew. Wasal iż-żmien ukoll li ninvestu aktar f'konsulenza minn nies esperti fil-qasam diġitali sabiex jagħtuna l-pariri tagħhom ta' kif nistgħu nagħmlu dan.

*Ftit ilu mexxejt seminar dwar il-Gen-Z.*
*Min huma l-Gen-Z u x'ħareġ minn dan is-seminar?*
**Matthew**: Bil-*Generation Z* nifhmu dawk iż-żgħażagħ li għandhom bejn is-16 u l-20 sena. It-tir ewlieni kien li bħala knisja nifhmu ftit aktar lil dawn iż-żgħażagħ, niskopru min huma u nifhmu l-bżonnijiet tagħhom. Il-ħsieb kien ukoll li nifhmu liema huma l-*platforms* diġitali li dawn iż-żgħażagħ qegħdin jabitaw. Indunajna wkoll bil-bżonn li ma nibqgħux naħsbu li se nsibuhom fuq *Facebook*, imma fuq *social platforms* oħra bħal *Snapchat*. Dan it-*think tank* serva wkoll bħala xprun għall-Aġġornament tal-Kleru.

*Nawguraw lil Matthew li s-sena d-dieħla (2019) jordna saċerdot.*
*Nibqgħu nwegħduh it-talb tagħna.*



# Dr Alexandra Gauci

**tawgura l-Festa t-Tajba**
**lill-Ħalsafin kollha**

Infakkarkom li qed noffri s-servizz
tiegħi mill-klinika

HealthQi
Family Wellness Clinic

**Mon - Fri (4:00pm - 7:00pm)**
**Saturday (8:30am - 11:30am)**

**77, Triq l-Iskola, Ħal Safi**
**Mob: 9984 0443**

# Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2017-2018

Bħal kull sena, dan il-fuljett iservi biex nagħtu ħarsa lejn dak li jkun twettaq f'dak li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni u r-restawr li jkun sar mill-festa li għaddiet sa din il-festa fid-diversi proprjetajiet li jappartjenu lill-parroċċa tagħna. Tajjeb li wieħed jirrealizza u japprezza aktar fejn qed imorru d-diversi kontribuzzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-proġetti ta' manutenzjoni u restawr u li minn żmien għal żmien bħala parruċċani tagħtu kemm b'mod personali u kemm b'mod kollettiv fil-quddies.

## LAT ESTERN TAL-KNISJA PARROKKJALI

**Manutenzjoni tal-bjut prinċipali tal-knisja** *(ritratt no.1)*
Eżatt kif għaddiet il-festa, il-bjut prinċipali reġgħet saritilhom xi manutenzjoni u taħlib biex inkomplu nassiguraw li jkunu protetti mill-ilmijiet u elementi oħra. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Pawlu Busuttil b'mod volontarju bl-ispiża tal-materjal titla' għal €136.

**Manutenzjoni tal-bibien tal-knisja**
Ingħatat dawra lil dawn il-bibien, fejn ix-xogħol tal-brix u l-verniċ sar mis-Sur Joe Ellul u sewa €285.

**Manutenzjoni tat-travi tal-qniepen**
F'Lulju 2018, is-Sur Pawlu Busuttil b'mod volontarju ħa ħsieb jagħti dawra kontra s-sadid u jiżbà mill-ġdid it-travi li fuqhom iserrħu l-qniepen fil-kampnar.

**Tħawwil u tisqija ta' xtili ġodda fuq iz-zuntier**
Minn żmien għal żmien, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jinbidlu x-xtieli morda u niexfa li hemm fi ħwat apposta fuq iz-zuntier ma' oħrajn ġodda, waqt li baqgħu jissaqqew matul is-sena.

**Lat Intern tal-Knisja Parrokkjali**

**Xiri ta' 6 fannijiet għall-knisja**
Lejn l-aħħar ta' Mejju nxtraw 6 fannijiet, 2 kbar bir-*remote*, u 4 żgħar għal mad-dawra tal-altar. Dawn inxtraw mingħand il-Homemark ta' Ħal Qormi u l-ispiża tagħhom telgħet għal € 220.

**Manutenzjoni tal-orgni tad-ditta Mascioni**
Is-Sur Robert Buhagiar, li kien irrestawra l-orgni b'mod estensiv xi snin ilu, għall-ħabta tal-Milied ġie msejjaħ biex jagħti *service* lill-orgni. L-ispiża kienet ta' €20.

***Earth Electrode* ġdida** *(ritratt no.2)*
Lejn nofs Ġunju, is-Sur Paul Busuttil, flimkien ma' Twanny Polidano ħadu ħsieb jgħaddu *Earth Electrode* ġdida n-naħa tas-sagristija minħabba li dik li kien hemm għal xi raġuni ma baqgħetx tajba. Filwaqt li l-ispiża tal-materjal kienet ta' €86.77, ix-xogħol sar b'mod volontarju.

***Surge Arrestor***
Lejn l-aħħar ta' Ġunju, is-Sur Paul Busuttil, flimkien ma' Twanny Polidano ħadu ħsieb iwaħħlu kaxxa maġenb il-mejn tal-knisja b'*Surge Arrestor* biex iservi ta' protezzjoni f'każ ta' ċaqliq fil-kurrent elettriku li faċilment jista' jikkaġuna ħsarat. Filwaqt li l-ispiża tal-materjal kienet ta' €183.17, ix-xogħol sar b'mod volontarju.

**Tiswija ta' siġġijiet**
Tkompla xi xogħol ta' tibdil u tiswija ta' siġġijiet b'mod volontarju mis-Sur Paul Busuttil.

**Xiri ta' Skalapiża għall-Kamra tat-Teżor**
Lejn l-aħħar ta' Novembru 2017 inxtrat skalapiża b'7 tarġiet għall-Kamra tat-Teżor. Din inxtart mingħand it-Tower Ironmongery taż-Żurrieq u l-ispiża kienet ta' €70.

**Żewġ biċċiet poġġamani tal-ħadid għat-taraġ li jagħti għat-*Toilet-Store***
Fi Frar 2018 is-Sur Vincent Cutajar ħa ħsieb b'mod gratwit li jagħmel 2 poġġamani tal-ħadid, li jingastaw ruħhom fil-ħajt, biex jikkumplimentaw il-biċċiet tal-poġġamani l-oħra tat-taraġ li jagħti għat-*toilet* u l-i*store* tal-knisja, sabiex jiggarantixxu aktar sigurtà u għajnuna lill-anzjani li jkollhom bżonn jagħmlu użu mit-*toilet* b'mod speċjali. Tarcisio Caruana ħa ħsieb jixkatla u jiżbà il-biċċiet kollha bl-ispiża tkun ta' €100.

**Tiswija tas-Saqaf tat-*Toilet*-Store tal-materjal relatat mal-Fjuri**
Minkejja li dan ingħata dawra 3 snin ilu, is-saqaf reġa' beda jidhru fih xi xquq u saħansitra waqgħet biċċa mhux ħażin. Is-Sur Tarcisio Caruana tqabbad jagħmel xogħol ta' manutenzjoni li tikkonsisti fi brix, u tikħil b'materjal ta' protezzjoni mill-ilmijiet u elementi oħra. L-ispiża telgħet għal €500.

## AFFARIJIET LITURĠIĊI

**Inbidel id-drapp tal-loppi tal-Linef prinċipali** *(ritratt no.3)*
Immedjatament wara l-Festa 2017, is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb tixtri u tħit satin ta' lewn ħamrani għal-lopop taż-2 linef prinċipali li jdawlu l-knisja fi żmien il-Festa. Dawn ġew mibdula eżattament qabel ittelgħu l-linef lura f'posthom, b'operazzjoni li ħadu ħsiebha s-Sinjuri Anthony Abdilla, George Spiteri u Josef Mifsud.

**Damask *canavazzo d'oro* - Vjola**
**Kanipew, Ventartal, Purtiera** *(ritratt no.4)*
**(Avvent u Randan)**
Il-Kappillan irregala damask *canavazzo d'oro* ta' kulur vjola flimkien mal-gallun u l-frenza għalih lill-knisja parrokkjali biex minnu nħietu kanipew, ventartal, u purtiera għat-tabernaklu sabiex jintużaw fil-Ħdud tal-Avvent u l-jiem tan-Novena tal-Milied u f'Ras ir-Randan, il-Ħdud tar-Randan u l-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, kif ukoll fl-Għid tal-Imwiet. Is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata waqt li s-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb jaħdem il-qafas tal-injam tal-ventaltar. Dan iżżanżan fir-Raba' Ħadd tar-Randan.

**Żviluppi fil-Presepju** *(ritratt no.5)*
Fin-Novena tal-Milied 2017, apparti li ntrama s-sett tal-pasturi (11) fuq l-altar tal-Kunċizzjoni, żdied ukoll xenarju li juri palazz li sar stalla flimkien ma' xenarju tas-sema bil-kewkba li wriet it-triq lill-maġi, maħduma volontarjament mis-Sur Karmenu Busuttil.

**Restawr ta' Bambin tal-Kartapesta u Raġġiera ġdida tal-Fidda għalih** *(ritratt no.6)*
Għall-Festi tal-Milied ġie mżanżan Bambin tal-kartapesta, għoli madwar 50ċm, u li ġie rrestawrat mid-ditta Atelier del Restauro, bl-ispiża tkun ta' €625. Dan il-Bambin, li oriġinarjament kien ta' Dun Ġwann Vella, saċerdot minn Ħal Safi u li llum mejjet, kien ġie rregalat lil familja u din il-familja s-sena li għaddiet irregalatu lill-parroċċa. Il-ħsieb huwa li fil-jiem tan-Novena u l-Ottava tal-Milied jintrama fil-Ġilandra tas-Sagristija, biex mill-Ewwel tas-Sena sal-Epifanija jintrama fil-knisja, fil-Ġilandra fuq l-Altar Maġġur. F'Jannar, is-Sur Twanny Zammit ta' Ħal Qormi ġie mqabbad jaħdem raġġiera ġdida tal-fidda għalih. Dan ix-xogħol sar gratis.

**Restawr ta' Blata tal-Bambin tal-Gandlora**
F'Jannar 2018, is-Sur Neville Attard, minn Ħal Qormi, ġie mqabbad jiżbà mill-ġdid il-blata tal-Bambin li qed tintrama taħt il-gandlier tas-salib ta' kuljum u fuq it-tabernaklu fil-festa tal-Gandlora. Dan ix-xogħol sar gratis.

**Restawr tal-Kandilabru tal-Erbgħa tat-Tniebri bi 15-il xemgħa** *(ritratt no.7)*
Wara li s-sena li għaddiet, għal ħabta ta' Marzu 2017, instabet il-biċċa ta' fuq tal-Kandilabru tal-Erbgħa tat-Tniebri fiċ-Ċentru Parrokkjali, nibet il-ħsieb li dan il-kandilabru fil-*ferro battuto* jerġa' jingħata d-dehra oriġinali tiegħu. Fi Frar 2018 is-Sur Vincent Cutajar ħa ħsieb jagħmel 3 bukkini għax-xemgħat (15 b'kollox) li kienu neqsin, u jimmonta kollox flimkien. Is-Sur Paul Busuttil ħa ħsieb jiżbà kollox b'lewn iswed waqt li s-Sur Vincent Farrugia ħa ħsieb jindura xi partijiet biex joħloq kuntrast u jimmonta x-xemgħat. Ix-xogħol kollu sar b'mod volontarju, filwaqt li l-ispiża għal 15-il kartoċċ taż-żejt apposta għalih kienet ta' €165.


SAFI Pharmacy
San Gwann Street c/w Bieb il-Garra Street, Safi
Tel: 21649552, 79331718
OPEN ALL DAY
Monday to Saturday 8.00am till
7.30pm

**Restawr tal-Kandilabru b'7 xemgħat**
Il-ħadida b'7 xemgħat, li qabel kienet imwaħħla mal-kandilabru tat-Tniebri, ġiet adattata aħjar mis-Sur Vincent Cutajar. Is-Sur Paul Busuttil ħa ħsieb jiżbà kollox b'lewn dehbi u s-Sur Anthony Abdilla ħadmilha kandilabru tal-injam. L-ispiża kienet ta' €20.

**Ċuqlajta ġdida** *(ritratt no.8)*
Wara żmien nieqsa sew mill-kampnar tal-knisja parrokkjali, minn Ħamis ix-Xirka sa Sibt il-Għid 2018 reġa' beda jinstama' l-ħoss taċ-ċuqlajta li ġiet iddisinjata b'mod pjuttost oriġinali u li nħadmet mis-Sur Paul Busuttil. L-injam tqatta' mis-Sur Anthony Abdilla. Iżżanżnet fil-knisja nhar Ħadd il-Palm filgħaxija waqt *Tenebrae,* Kunċert fil-Ġimgħa Mqaddsa mtella' mill-Kor Sine Macula u n-Novum Ensemble, b'mużika, kant u qari adatti għal dawn iż-żminijiet, fejn intuża anke l-kandilabru tat-Tniebri restawrat. Nhar Ħamis ix-Xirka ndaqqet bl-idejn minn isfel tal-kampnar, biex nhar il-Ħadd 7 ta' Mejju sabet postha mwaħħla fil-kampnar, merfugħa 'l fuq mill-qniepen, biex tibda tiddawwar b'mutur. Il-ħadid flimkien mal-mutur li jdawwarha nħadmu mis-Sur Twanny Polidano. L-ispiża kienet ta' €80.

**Restawr tal-Iskannell bit-Tabernaklu li jintuża**
**fis-Sagristija fi żmien it-Tridu tal-Għid**
F'Awwissu 2017, is-Sur Neville Attard minn Ħal Qormi, ġie mqabbad jirħama l-iskannell b'2 tarġiet, li fiċ-ċentru tagħhom hemm it-tabernaklu, fejn joqgħod is-Sagrament fi żmien it-Tridu tal-Għid, apparti fl-Altar tar-Repożizzjoni. Is-Sur Vincent Farrugia ħa ħsieb jindura s-Salib li jintrama fuq il-kanopew li jitlibbes it-tabernaklu, liema kanopew inħiet mill-ġdid mis-Sinjura Tessie Magri. Dan ix-xogħol sar mingħajr ħlas.

**Restawr tal-Irxoxt tal-Kartapesta** *(ritratt no.9)*
Bejn Jannar u Marzu, l-Atelier del Restauro ħadu ħsieb jagħmlu restawr professjonali fuq l-istatwa ta' Kristu Rxoxt, b'għoli ta' madwar 60 ċm, b'wiċċ tal-fuħħar u l-kumplament kartapesta, li ġie mżanżan fl-Għid 2016. Il-kuluri oriġinali tiegħu setgħu jerġgħu jibdew jitgawdew minn nhar il-31 ta' Marzu, Sibt il-Għid, fejn matul il-funzjoni tqiegħed fuq l-altar maġġur, fil-Ġilandra li primarjament tintuża' f'Korpus u l-Qalb ta' Ġesù. L-ispiża għal dan l-intervent kienet ta' €1,100.

**Tindif u Adattament tat-Tużellina tar-Ram li se tibda tintuża fi Żmien il-Għid**
Wara li lejn l-aħħar ta' Diċembru 2017 u l-bidu ta' Jannar 2018, diversi volontieri nisa bdew inaddfu tużellina tar-ram li kienet merfugħa fis-sagristija l-antika, is-Sur Twanny Zammit ta' Ħal Qormi tqabbad jagħtiha tindifa sew u jagħmel adattament fiha biex fil-quċċata tagħha jkun jista' joqgħod is-salib tar-ram tal-gandlieri ta'

kuljum. Il-ħsieb huwa li tibda tintrama fuq l-altar fi żmien il-Għid. L-ispiża għal dan kienet ta' €250. Is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb tixtri u tħit għata tad-drapp biex jipproteġiha mit-trabijiet ta' kuljum meta ma tkunx qed tintuża. *(ritratt no.10)*

**Statwa tal-ġibs ta' Kristu tal-Ħniena Divina** *(ritratt no.10)*
F'Diċembru 2017 inxtrat statwa ta' Kristu tal-Ħniena Divina tal-ġibs b'għoli ta' madwar 55 ċm, mingħand *Portelli & Pisani* tal-Ħamrun, għall-prezz ta' €350. Nhar is-7 ta' April 2018, lejlet il-Festa tal-Ħniena Divina, ġiet imżanżna fuq l-altar maġġur, fil-ġilandra li primarjament tintuża f'Korpus u l-Qalb ta' Ġesù, u wara baqgħet fuq l-istess altar ġot-tużellina tar-ram li ġiet irranġata wkoll matul din is-sena sal-festa ta' Lapsi.

## ID-DAR PARROKKJALI

**Tibdil ta' *camera* tas-*CCTV***
F'Diċembru, id-Ditta *Allsec* ta' Ħal Safi stess ġiet imqabbda tibdel *camera* tas-*CCTV Security System* minħabba ħsara. L-ispiża kienet ta' €115.

**Sanazzjoni tat-Twieqi tal-Aluminju li jagħtu għal Triq Dun Ġużepp Caruana.**
F'Diċembru, uffiċjal tal-Planning Authority ġie jinnotifika li kien hemm irregolarità ta' 2 twieqi tal-aluminju tad-Dar Parrokkjali, fuq osservazzjoni ta' xi ħadd. Dawn it-twieqi, waħda fl-ewwel sular u l-oħra fil-pjan terran, kienu saru mill-Kappillani Dun Vincent Fenech u Dun Joe Cilia rispettivament. Fuq parir tal-Perit Leonard Zammit ġie deċiż li ssir applikazzjoni għal sanazzjoni, u wara li nġabar il-materjal relevanti, tressqet l-applikazzjoni bl-ispejjeż ikunu ta' €175. Għadna qed nistennew.

**Manutenzjoni tat-Tieqa u l-Bieb li jagħtu għat-Terrazzin**
Matul Settembru u Ottubru 2017 sar xi xogħol mis-Sur Tarcisio Caruana fuq il-lat estern tat-tieqa u tal-bieb tal-ewwel sular, li jagħtu għat-terrazzin tal-ġardina interna, billi ġew xkatlati, stukkjati u miżbugħin biex ix-xemx ma tkiddhomx bħal qabel. L-ispiża telgħet għal €726.

**Manutenzjoni tal-Bjut u t-Tank tal-Ilma**
Lejn l-aħħar ta' Ottubru u tul Novembru 2017, is-Sur Tarcisio Caruana ġie mqabbad jagħmel xogħol ta' manutenzjoni li tikkonsisti fi brix, u tikħil b'materjal ta' protezzjoni mill-ilmijiet u elementi oħra fuq il-bjut prinċipali, biex tiġi evitata ħsara li ssir bi dħul tal-ilma meta tagħmel xi xita. Ingħatat dawra wkoll lit-tank tal-ilma. L-ispiża telgħet għal €915.


1


2


4


3


5




6

7



8



9



10





11



12



**Manutenzjoni tat-Tromba tal-Bejt**
Lejn il-bidu ta' Novembru 2017, is-Sur Tarcisio Caruana beda jobrox iż-żebgħa u t-tikħil tal-ħitan tat-taraġ tat-tromba biex jiġu fuq il-fil, bħall-kumplament tad-dar parrokkjali. Ħa ħsieb ukoll jirranġa l-aperturi bil-bibien u t-twieqi tagħhom. Ix-xogħol intemm fi Frar. L-ispiża telgħet għal €1,100.

**Manutenzjoni tal-Kmamar tat-*Toilets***
Fl-ewwel nofs ta' Frar 2018, is-Sur Tarcisio Caruana ġie mqabbad jobrox, ikaħħal u jiżbogħ mill-ġdid il-kmamar tat-*toilets* li għandha d-dar parrokkjali, bl-aperturi tagħhom. L-ispiża telgħet għal €550.

**Manutenzjoni tas-Soqfa u t-Travi tal-kmamar kollha li jmissu mal-faċċata**
Lejn nofs Frar u tul Marzu 2018, is-Sur Tarcisio Caruana ġie mqabbad jobrox, ikaħħal u jiżbogħ mill-ġdid is-soqfa bit-travi tal-kmamar kollha li jmissu mal-faċċata, flimkien ma' xi ħitan li kellhom bżonn. L-ispiża telgħet għal €1,050.

**Manutenzjoni tal-Garaxx**
Lejn Mejju 2018, is-Sur Tarcisio Caruana ġie mqabbad jobrox u jkaħħal mill-ġdid il-garaxx tad-Dar Parrokkjali. Hu żaba' wkoll it-travu u s-saqaf, filwaqt li ċċekkja u bidel is-sokits tal-elettriku. L-ispiża telgħet għal €850.

**Manutenzjoni tal-Ħajt tal-Ġardina** *(ritratt no.11)*
Tul Ġunju u Lulju 2018, is-Sur Tarcisio Caruana beda jobrox u jkaħħal il-ħitan tal-ġardina tad-Dar Parrokkjali li kienu qed ifarfru sewwa. L-ispiża telgħet għal €1050. Saret sistema ta' dawl ġdida b'nefqa ta' €438, u nxtrat ukoll statwa tal-konkrit tal-Qalb ta' Ġesù mingħand *Viestone* ta' Ħal Farruġ għall-prezz ta' €240, biex titqiegħed f'post adatt fiċ-ċentru tal-ġardina.

**Manutenzjoni tal-Kamra tas-Sodda ta' fuq, flimkien mal-Kamra tat-*Toilet* ta' magħha.**
F'Lulju 2018, is-Sur Tarcisio Caruana ġie mqabbad jobrox, ikaħħal u jiżbà mill-ġdid il-Kamra tas-Sodda ta' fuq, flimkien mal-Kamra tat-*Toilet* ta' magħha. L-ispiża telgħet għal €678.

**Manutenzjoni fuq l-Arblu tad-Dar Parrokkjali.**
Fil-bidu ta' Ġunju 2018, is-Sur Manwel Debono flimkien ma' xi volontieri żgħażagħ tal-Każin San Pawl niżżlu l-arblu tad-Dar Parrokkjali biex jinbarax, jinżebagħ mill-ġdid, u jerġa' jittella' f'postu għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Filwaqt li l-ispiża tal-materjal kienet ta' €25, ix-xogħol sar b'mod volontarju.

**Xiri ta' *Automatic washing-machine* u *Fitting* ġdid għas-sistema tas-*Shower***
Wara li fi Frar 2017 sar qafas tal-ħadid fis-setaħ biex jintaxru xi ħwejjeġ, lejn l-aħħar

ta' Settembru 2017 inxtrat *automatic washing-machine*, tad-ditta *AEG* mingħand *ITC – International Trading Company Ltd* tal-Blata l-Bajda, bl-ispiża tkun ta' €590. Sar ukoll *fitting* ġdid għas-sistema tas-*shower* mis-Sur Tarcisio Caruana, bl-ispiża tkun ta' €42.

**Xiri ta' *Cupboard* u *Medicine Chest***
F'Novembru 2017 inxtraw *cupboard* mingħand *The Atrium*, u *medicine chest*, mingħand *Bathline Ltd* ta' Ħal Qormi, għall-kamra tal-banju prinċipali tad-Dar Parrokkjali, bl-ispiża tkun ta' €360.

**Xiri ta' Skalapiża**
Lejn l-aħħar ta' Novembru 2017 inxtrat skalapiża bi 8 tarġiet. Din inxtrat mingħand it-*Tower Ironmongery* taż-Żurrieq u l-ispiża kienet ta' €80.

## L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

***Input* ta' data fl-*online* Status Animarum.**
Matul Settembru 2017, diversi volontieri għenu biex tiddaħħal id-data dwar il-parruċċani ta' Ħal Safi f'*database* imsejjaħ l-*Istatus Animarum* biex hekk il-parroċċa tkun tista' taġġorna b'mod aktar faċli l-informazzjoni dwar il-parruċċani tagħha.

## IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

**Applikazzjoni mad-Direttorat tar-Restawr biex isir intervent fuq il-Faċċata**
Il-Kunsill Lokali, b'approvazzjoni tal-Kappillan, ressaq applikazzjoni lid-Direttorat tar-Restawr biex isir restawr u konservazzjoni fuq il-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali. F'Diċembru ġejna informati li din it-talba ntlaqgħet. F'Jannar il-perit imqabbda mid-Direttorat tar-Restawr bdiet tħejji r-rapporti meħtieġa biex kemm il-MEPA u kemm l-awtoritajiet ekkleżjastiċi jagħtu l-permessi meħtieġa. Il-permessi ġew mogħtija. Issa nistennew li jibda x-xogħol. Sadanittant, lejn il-bidu ta' Ottubru, xi żgħażagħ tal-Każin San Pawl bdew jieħdu ħsieb iqaxxru u jikxfu l-ġebla fl-oriġinal tagħha li tinsab f'waħda mill-kmamar li tmiss mal-faċċata.

**Il-MUSEUM l-Antik**
**Trattativi ta' Ftehim mal-Gvern dwar Kiri tal-Proprjetà**
Fuq parir li kien ingħata mill-Kunsill Parrokkjali, matul din is-sena komplew isiru diversi laqgħat u diskussjonijiet, b'appoġġ anke mill-Kunsill Lokali, li jesploraw aktar fil-fond il-possibbiltà ta' kif dan il-post fi Triq iż-Żurrieq, f'Ħal Safi, u li hu proprjetà tal-Parroċċa ta' Ħal Safi, jinkera lill-Gvern li min-naħa tiegħu jikkommetti ruħu li jirranġah, jattrezzah, u jibda jipprovdi servizz b'għan soċjali. Il-ħsieb hu li jibda jservi bħala *Dementia Centre* u *Night Shelter* li jkunu jistgħu jibbenifikaw minnhom residenti mir-Reġjun li jagħmel minnu Ħal Safi.


13


14

## IĊ-ĊIMITERJU

**Tindif tal-Għalqa ta' wara ċ-Ċimiterju**

Matul Awwissu u Settembru 2017, Joe Busuttil (Ta' Rasputin) offra li volontarjament jiġbor b'gaffa l-ħmieġ li kien hemm fuq wara taċ-Ċimiterju biex ikunu jistgħu jiddaħħlu xi *skips*. B'kollox imtlew 6 *skips* ipprovduti bi prezz imraħħas minn Raymond Zammit, u fejn il-Kunsill Lokali wkoll għen b'sussidju ta' €150. L-ispiża totali telgħet għal €615. Bdiet titħalla *skip* biex meta jsir it-tindif tal-oqbra, il-ħmieġ jitwaddab fiha u mbagħad kollox ikun iddisponut f'post adegwat u mhux jinħaraq bħal qabel.

**Tiswija u bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra, u dawk tal-faċċata tal-Kappella**

F'Novembru, il-Kappillan flimkien mas-Sur Paul Busuttil għal darb'oħra ħadu ħsieb it-tiswija u l-bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra. Inbidlu wkoll xi viti tal-ilma għax bl-użu bdew jitilqu.

**Applikazzjoni għat-Tneħħija ta' Siġar**

F'Ottubru 2017, tressqet applikazzjoni lill-ERA, l-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi biex xi siġar li kienu fuq wara taċ-Ċimiterju jinqalgħu minħabba l-ħsara li kienu qed jagħmlu. Biss din it-talba ma ntlaqgħetx.

## IL-PROĠETTI PRINĊIPALI

**Tibdil tas-*Sound System* tal-Knisja** *(ritratt no.12)*

Wara li minn Novembru bdew jinġabru diversi stimi u ġew evalwati, rajna li l-proposta li għamlu *Genaudio Ltd* kienet waħda pjuttost tajba. Għalhekk bejn it-Tnejn 4 u s-Sibt 16 ta' Ġunju 2018, inbeda l-proċess ta' *wiring* ġdid tul il-knisja kollha kif ukoll l-installazzjoni ta' *Corneredaudio Ci4V speakers*, inkluż 7 ġodda: 2 fil-kor, 2 fil-kappelluni, 2 fuq l-orgni u 1 fuq iċ-ċinta jħares lejn l-altar. Inbidlu wkoll l-*amplifier* l-antik ma' *Yamaha TF series TF Rack mixer with automixing*, il-*microphpnes* saru *Clockaudio microphones*, żdiedu aktar *cordless microphones*, u saru aktar *points* fejn jitqabbad *microphone* jew ħruġ mill-*amplifier*. Saret *Hearing Loop-System* maċ-ċinta tal-knisja kollha biex tiffaċilita smigħ għal min juża apparat li jgħin li min hu nieqes mis-smigħ. Aktar tard, għal nofs Awwissu, ġiet installata sistema li tipprovdi komunikazzjoni aħjar bejn id-direttriċi tal-kor u l-organista u dak li qed jiġri fuq l-altar, kemm mil-lat viżiv (installazzjoni ta' *cameras* u *screens*) u kemm mil-lat ta' smigħ *(intercom)*. L-ispiża totali kienet ta' €12,400. Grazzi kbira tmur lil Joe Genovese, id-direttur, u lill-ħaddiema ta' Genaudio Ltd tal-Imrieħel li b'galbu u sengħa ppjanaw u wettqu dan ix-xogħol. Is-Sur Tarcisio Caruana żaba' mill-ġdid xi partijiet tal-injam li jservi ta' taraġ u xkaffar fejn hemm ibbażat ir-*rack* tas-*Sound System*.

**Ir-restawr u l-konservazzjoni tar-Relikwarju antik ta' San Pawl** *(ritratt no.13)*

Lejn Marzu 2017, l-Atelier del Restauro beda jagħmel testijiet biex jiġi identifikat liema

huwa l-aħjar intervent ta' restawr u konservazzjoni li għandu jsir fuq ir-Relikwarju antik ta' San Pawl. Ix-xogħol qabad ritmu sewwa f'Settembru 2017, u lejn il-festi tal-Milied 2017 dan ir-relikwarju reġa' beda jiġi esibit fuq l-altar tal-kor. L-ispiża kienet ta' €878. Għad trid tiġi nstallata ħġieġa speċjali biex tipproteġih mit-trab.

**Alterazzjoni fin-niċeċ ta' San Pawl u tad-Duluri**
Fid-dawl tar-rapport tal-Monitoraġġ Ambjentali tat-temperatura u tal-umdità tan-niċċa ta' San Pawl li kien tana s-Sur Michael Formosa M. Cons., B. Cons. (Hons), LCGI ta' *Wood Conservation and Science*, lejn nofs Frar ittieħdet id-deċiżjoni li n-niċċa ssirilha alterazzjoni billi tinqala' l-faċċata tagħha u waqt li tinħadmilha xambrella tal-injam isirulha xi partijiet b'*netting* għal ventilazzjoni adekwata biex jonqos l-ammont ta' umdità u hekk ma jipperikolax ir-restawr li sar fuq l-istatwa u l-pedestall. Magħha ttieħdet id-deċiżjoni li ssir in-niċċa tad-Duluri. Ix-xogħol fuq l-injam sar mis-Sur Anthony Abdilla mgħejjun mis-Sur Ġorġ Spiteri.

**Tiswija u induratura ta' 5 Settijiet ta' Gandlieri ta' kuljum** *(ritratt no.14)*
Eżatt wara l-festa tkompla l-proġett tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum. Il-Kappillan flimkien ma' Frankie Mifsud ħadu ħsieb li fejn jidħlu l-gandlieri tar-ram jgħaddulhom il-*wires* b'mod intern u mhux estern biex hekk id-dehra tkun waħda aktar gradevoli. Frankie ħa ħsieb ukoll biex kull altar ikollu sistema aħjar ta' kif il-gandlieri jiġu ikkonnettjati mal-elettriku anke permezz ta' kurrenti li ġew ipprovduti mis-Sur Anthony Abdilla. Is-Sur Joseph Bugeja mis-Siġġiewi kompla t-tiswija fl-injam fuq 4 settijiet ta' gandlieri bl-ispiża tkun ta' €600 is-sett (total ta' €2,400). L-induratura ta' 2 settijiet ta' gandlieri ħa ħsiebha s-Sur Joseph Gatt mill-Birgu, bl-ispiża tkun ta' €3,850 kull sett. Sebastian Aquilina ta' Aquilina Ironwork ta' Ħal Qormi ħa ħsieb jirranġa 12-il plattina minn tagħhom, għal spiża ta' €145. Is-sur Vincent Farrugia, minn Ħal Safi stess, offra li jieħu ħsieb l-arġentatura tas-sett tal-Kor.

Kif stajtu tintebħu, minn din il-kitba u minn xi ritratti annessi, din is-sena kienet waħda tassew impenjattiva. L-ammont tal-ispejjeż, meta tarahom b'mod globali, tinduna kemm qed ikunu konsiderevoli, u minkejja dan kollu, xorta għad fadal diversi proġetti ta' manutenzjoni li lanqas bdejna mmissuhom: soluzzjoni aktar fit-tul għall-koppla u l-bejt tal-knisja parrokkjali minħabba l-problema tal-ilma u t-tqaxxir taż-żebgħa, il-faċċata flimkien mal-kampnar tal-knisja parrokkjali, tikħil u żebgħa mill-ġdid lill-i*store* tal-knisja magħruf bħala l-għorfa, il-bejt u s-saqaf u dawra lill-ħitan tal-kappella taċ-Ċimiterju, dawra lis-sular t'isfel tad-Dar Parrokkjali, u ċ-Ċentru Parrokkjali minn ġewwa. Bħal dejjem qatt ma tkun lest u għalhekk matul is-sena li ġejja rridu nkomplu nħarsu 'l quddiem biex nibżgħu għall-patrimonu parrokkjali. Ippermettuli għalhekk nagħmel 2 appelli:

1. Biex ikollna aktar nies li joffru ftit mill-ħin u l-ħiliet tagħhom ħalli jgħinu fl-andament ta' kuljum tal-knisja, kif ukoll fil-ħasil u l-manutenzjoni tal-knisja u ċ-Ċentru Parrokkjali.

2. Biex inkunu aktar ġenerużi fid-donazzjonijiet finanzjarji biex inkunu nistgħu nibqgħu għaddejjin bl-istess ritmu ta' xogħol, li nassigurakom mhuwiex kapriċċ, imma li qed jirrikjedi ċerta urġenza.

Biss, qabel intemmu din il-ħarsa, hu dmir li nsemmu u nirringrazzjaw lil dawk kollha li b'ġenerożità u sagrifiċċju jwettqu tant xogħol li ta' kuljum jagħmluh b'tant dedikazzjoni mingħajr ħafna daqq ta' trombi: il-ftuħ u l-għeluq tal-knisja, tal-kappella tal-adorazzjoni u taċ-ċimiterju, il-ħasil tal-knisja parrokkjali u tal-knisja ta' Santa Marija, u t-tindif taċ-Ċentru u ċ-Ċimiterju, id-daqq tal-qniepen, l-arranġamenti tal-fjuri, flimkien mal-armar għad-diversi attivitajiet li jsiru, fosthom magħmudijiet, tiġijiet u funerali. B'kordinament u koperazzjoni sħiħa mill-partijiet u l-persuni kollha jkun jista' jinħoloq ambjent tassew xieraq biex aħna, bħala poplu ta' Alla, inqimuH u niċċelebrawH b'tant ferħ u gratitudni.

**GRAZZI ĦAFNA**
**LILL-VOLONTIERI U LILL-BENEFATTURI KOLLHA**
**LI MINN QALBHOM, ĦAFNA DRABI FIS-SKIET,**
**IMMA B'FERĦ U ĠENEROŻITÀ**
**TAW IL-ĦIN, IT-TALENTI, U L-OFFERTI TAGĦHOM.**



# Rendikont Festa San Pawl 2017

| **Dħul** | | |
|---|---|---|
| Arbural | € | 7,145.00 |
| Ġbir fil-Knisja | € | 4,377.00 |
| Reklami għall-Fuljett | € | 1,380.00 |
| **Donazzjoni minn żewġ familji għall-Mużika tal-Festa:** | | |
| Lejlet | € | 300.00 |
| Festa | € | 700.00 |
| **Total** | **€** | **13,902.00** |

| **Ħruġ** | | |
|---|---|---|
| Servizzi Liturġiċi | € | 400.00 |
| Orkestra tat-Tridu | € | 700.00 |
| Orkestra Lejliet il-Festa | € | 957.00 |
| Orkestra tal-Festa San Pawl (25 ta' Jannar) | € | 292.00 |
| Daqq tal-Qniepen | € | 160.00 |
| Security | € | 144.00 |
| Elettriku - Xiri ta' Bozoz LED | € | 1,298.00 |
| Elettriku - Arloġġi (Temporanji) u Konsum | € | 1,139.12 |
| Printing tal-Ktieb tal-Festa | € | 929.25 |
| Donazzjoni lill-Każin tal-Banda San Pawl | € | 4,000.00 |
| Sagristan, pedaġġi, trattamenti | € | 620.65 |
| Bibien Esterni tal-Knisja: Xkatlar u Verniċ | € | 285.00 |
| Restawr u tiswijiet: Pilandri ta' Misraħ il-Knisja | € | 1000.00 |
| Ironmongery minħabba xi manutenzjoni | € | 430.00 |
| **Total** | **€** | **12,324.37** |
| **Bilanċ** | **€** | **1,573.63** |

**Ħajr:**

- lil min ta kontribuzzjoni biex kellna festa li tixraq lil San Pawl
- lill-Banda San Pawl li tgħin bil-kbir biex tferraħ lill-komunità
- lil dawk li volontarjament jieħdu ħsieb l-armar u t-tindif tal-knisja u barra
- lil dawk li ħadu ħsieb il-ktieb tal-festa
- lil 2 familji, għad-donazzjoni tagħhom għall-mużika ta' lejlet u ta' nhar il-festa

**X'nixtiequ iktar:**

- li ma tħallux l-inviloppi d-dar
- li żżidu l-kontribuzzjoni
- benefatturi oħra li jħallsu l-mużika tal-Festa, speċjalment tat-Tridu tal-Festa

# Dr Anthony Gauci

*jawgura l-Festa t-tajba*
*lill-Ħalsafin kollha.*
*Infakkarkom li qed inservi*
*fil-klinika tad-dar tiegħi*

## Grazzi

**'Ċettina House'**
**4, Żurrieq Road, Safi**

**Tel. No: 21641277**
**Mob: 99496111**



# For Domestic & Industrial Projects

All Types of Aluminium & Double Glazing
• Available in Different Colours • Automated Doors
• Insect Screens • Louvres • Skylights
• Arched Windows & Doors Blinds
*Free Advice & Quotations*

EXPRESS ALUMINIUM LIMITED

**Express Bldg, Triq l-Imdina, Żebbuġ ŻBĠ 9018**
**Tel: 21 461 078, 21 465 110 Mob: 99 595 318**
**Fax: 21 465 798 Web: www.expressaluminium.com**

# L-Arċisqof Charles J. Scicluna f'Viżta Pastorali f'Ħal Safi

***Mis-Sibt 5 sat-Tnejn 7 ta' Mejju 2018***

F'din is-sena, esperjenza mhux tas-soltu li kellna fil-ħajja tal-parroċċa tagħna kienet il-Viżta Pastorali tal-Arċisqof tagħna, l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna fostna li seħħet bejn is-Sibt 5 u t-Tnejn 7 ta' Mejju 2018.

***Preparamenti***
Bħala Kappillan, sa minn meta tħabbret il-Viżta nhar il-Ħadd 15 ta' April, kelli diversi laqgħat mad-Delegati tal-Arċisqof fejn iddiskutejna s-sitwazzjoni tal-parroċċa, xi diffikultajiet, u kif din tista' tiffunzjona aħjar, waqt li nagħmlu l-preparazzjoni xierqa għal din iż-żjara.

***L-Għan tal-Viżta Pastorali***
Ix-xewqa tal-Arċisqof hi li jżur diversi parroċċi ta' Malta, mhux biss biex jippresiedi ċelebrazzjonijiet speċjali, imma anke li jisma', jara, u – kif qalilna hu stess fil-messaġġ tiegħu flimkien mal-programm – *"immiss b'idejja r-realtà li qed tgħixu bħala komunità Nisranija u nitlobkom tgħinuni nifhimha iżjed."* B'hekk, din l-esperjenza, lilu tkun tgħinu jagħraf jagħmel għażliet ta' tmexxija li jkunu aktar effettivi għal żminijietna, u lilna, bil-preżenza tiegħu fostna, tgħinna nimtlew bil-kuraġġ u bil-ħeġġa ħalli ngħixu b'aktar impenn il-fidi li tnisslet ġewwa fina bil-Magħmudija. Hekk isservina ta' okkażjoni li biha ngħixu qawmien spiritwali u pastorali.

***Fiex kienet tikkonsisti l-Viżta***
Tul din il-Viżta, l-Arċisqof ħa l-opportunità li jamministra s-Sagrament tal-Qrar fil-Knisja Parrokkjali kemm is-Sibt filgħaxija u kemm il-Ħadd filgħodu qabel il-quddiesa. Fil-Quddiesa tas-Sibt, li kienet animata mill-Kor *Sine Macula*, u bil-preżenza tal-Kunsill Lokali, u l-għaqdiet parrokkjali u ċivili, l-Arċisqof, fl-omelija tiegħu, qalilna li waqt li nitolbu l-grazzja li nkunu tassew ħbieb ma' Alla ejjew inħallu lil Ġesù jgħallimna li l-ħbiberija miegħU trid tgħaddi wkoll bil-mod kif nirrispettaw, inħobbu, nagħdru, nieħdu paċenzja u naħfru lil xulxin. Il-quddiesa tal-Ħadd kienet opportunità tajba ħafna biex l-Arċisqof ikellem lit-tfal li jattendu l-katekiżmu, flimkien mal-ġenituri u l-katekisti, dwar li għandna nħobbu lil xulxin, u wara l-quddiesa tahom tifkira tal-okkażjoni u qagħad għal xi ritratti magħhom ukoll. Tliet laqgħat li verament kienu esperjenzi li nibqgħu ngħożżu, kienu l-laqgħa tas-Sibt filgħaxija mal-Operaturi Pastorali fil-M.U.S.E.U.M. tas-subien, fejn l-Arċisqof bierek il-kappella rinovata u ħa l-okkażjoni jkellimna dwar San Ġorġ Preca; il-laqgħa tal-Ħadd filgħodu mal-Kunsill Lokali u r-Rappreżentanti tas-Soċjetà Ċivili f'laqgħa fis-sala tal-Każin tal-Banda San Pawl; u l-laqgħa tal-Ħadd filgħaxija maż-żgħażagħ fis-Sala tal-Kunsill Lokali fejn sarulu mistoqsijiet dwar diversi materji ta' ġrajjiet kurrenti. Esperjenzi sbieħ oħra kienu żjarat lil 3

realtajiet familjari l-Ħadd filgħaxija, u ż-żjara tat-Tnejn filgħodu fl-Iskola Primarja fejn diversi tfal ressqulu l-mistoqsijiet tagħhom u wara mument aktar rilassanti flimkien mal-għalliema. Waqt li miexi mat-toroq tar-raħal tagħna, l-Arċisqof daħal f'diversi ħwienet u garaxxijiet tax-xogħol u kellem lill-ħaddiema. Mumenti speċjali ta' ġabra, talb u adorazzjoni kienu fil-Knisja ta' Santa Marija u fil-Kappella tal-Kunvent tas-Sorijiet Dumnikani.

***Viżta li kixfet diversi kwalitajiet u ħeġġitna***

Ħaġa li spikkat f'din il-Viżta kienet il-kooperazzjoni tad-diversi nies tal-parroċċa f'din l-esperjenza: min fil-preparazzjoni tal-knisja u l-liturġija, min fit-tindif u l-preparazzjoni tal-postijiet tal-laqgħat tad-djalogu, min fir-rigali ta' tifkira, min fl-ikel u x-xorb li trejjaqna ftit bihom wara, u min fil-preżenza u l-kontribut tiegħu. Infatti, l-Arċisqof apprezza ħafna l-preżenza, il-kummenti u d-djalogu li kellna fid-diversi ċelebrazzjonijiet u laqgħat u bagħat jirringrazzja lil dawk kollha li taw kontribuzzjoni b'risq il-Fond li għandu biex issir Karità mal-persuni fil-bżonn. Personalment nistqarr li din il-Viżta Pastorali verament offriet l-opportunità biex min xtaq, kemm dawk li kellhom interess, u kemm dawk li jħossuhom imbiegħda, imwarrba jew bierda, ikunu jistgħu jiltaqgħu mal-Arċisqof u jkollhom esperjenza aktar mill-qrib tiegħu. Żgur li mumenti bħal dawn ikomplu jimlew bil-kuraġġ lil min għandu għal qalbu lill-Parroċċa tagħna ħalli jibqa' jagħti l-ħin, b'tant sagrifiċċju u dedikazzjoni kontinwa, biex flimkien nibqgħu xbieha ħajja ta' Kristu Ġesù fir-raħal ta' Ħal Safi.




pasteur
PHARMACY
a: Triq it-Tellerit, Safi. SFI 1621
e: pasteur@onvol.net | t: 21/27689944
opening hours:
8.00am to 1.00pm | 4.00pm to 8.00pm
Follow us on
Facebook
www.fb.com/pasteurpharmacysafi




















*Tifkiriet tal-Viżta Pastorali*


La Gatta
Couture

*We offer outfits for all occasions ready made.*

*We offer made to measure orders on all Collections.*

*We specialise in custom made Bridal wear, Bridesmaids and Flowergirls dresses.*







**La Gatta,** Blue Grotto Avenue, Zurrieq
Tel: 21 641 417
E-mail: lagatta@onvol.net
Web: **www.lagattaboutique.com**

Find us on Facebook
**La Gatta Couture**


RAYMOND
ABDILLA
EXPORTER & IMPORTER
SEED AND WARE POTATOES
Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-varjetajiet:
Arinda – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru
Diamant – Ta' qatgħa safra
Għall-esportazzjoni
Santè – (bikrija)
Adato
Alpha
Agria
Arizona
Marfona
Picasso
Volare
Alouette – (tal-qoxra ħamra)
Esmee – (tal-qoxra ħamra)
ARIZONA
VARJETÀ TA' QATGHA BAJDA
LI TIFLAH GHALL-MARD
BI PRODUZZJONI TA'
KWANTITÀ U KWALITÀ
Fertilizzant tal-aqwa kwalità
(blu) NPK 12+12+17+2+7
(isfar) Ammonium Nitrate 27%
(abjad) Ammonium Sulphate 21%
Organic Pellets
"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21436594 (Grading Station)
Mob: Raymond - 9949 7980,
Malcolm - 9944 9553, Joanna - 9983 0176
E-mail: potatograding@waldonet.net.mt
AGRICO

# St. Paul's Dental Clinic

Dolmen Street, Safi

Tel: 27560272 Mob: 79092400



A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.

# Ċelebrazzjonijiet tal-Festa f'Ġieħ il-Konverżjoni ta' San Pawl 2018

**It-Tnejn 13 ta' Awwissu** — ***Jum il-Morda u l-Anzjani - Talb għall-Fejqan***

7:30pm — Fil-Ġnien Dun Karm Vella: Quddiesa u wara Talb ta' Tifħir u għall-Fejqan, u ħin ta' Adorazzjoni animata mill-Grupp Karizmatiku *Resurrexit*, taż-Żurrieq. Fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis 16 ta' Awwissu** — ***Jum it-Tifkira ta' Ħutna l-Mejtin***

6:30pm — Quddiesa fiċ-ċimiterju biex niftakru f'ħutna mejtin. *(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali).*

8:30pm — Film *Paul - Apostle of Christ* fil-Museum tas-Subien.

**Il-Ġimgħa 17 ta' Awwissu** — ***Jum l-Ewkaristija***

6:30pm — Quddiesa quddiem il-knisja ta' Santa Marija, fejn wara jkollna ħin ta' adorazzjoni u tingħata l-Barka Sagramentali. *(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali).*

8:00pm — *The Red Gathering* - attività organizzata mill-Kummissjoni Armar San Pawl Safi fil-Każin Banda San Pawl, Ħal Safi.

**Is-Sibt 18 ta' Awwissu**

6:30pm — Quddiesa għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn u għal ħutna mejtin li ħadmu għall-festa.

8:00pm — *Pasta Night* organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini fil-Pjazza ta' Ħal Safi. Ikun hemm divertiment minn kantanti lokali. Mistieden speċjali Michael Fenech (Ir-Ringu).

**Il-Ħadd 19 ta' Awwissu**

9:00am — Quddiesa bis-sehem tal-membri tal-Għaqda tan-Nar San Pawl, u fiha nitolbu b'mod partikolari għalihom u għall-familji tagħhom biex il-Mulej, bl-interċessjoni ta' San Pawl, iħarishom minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem matul din il-ġimgħa speċjali tal-festa.

10:30am — Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Magħmudija.

8:30pm — Lejla Ħalsafija: *All Time Hits - The Concert* organizzata fil-pjazza ta' Ħal Safi mis-Sotto-Kumitat tan-Nisa. Jieħdu sehem: The Spiteri Lucas Band, Corazon, Janvil, Thea Aquilina, Cherise Attard, Kayley Cuschieri. Jippreżenta Joseph Barber Bonavia. Ikun hemm ikel għall-bejgħ b'risq il-festa.

# Il-Ġimgħa tal-Festa

It-Tnejn 20 ta' Awwissu **JUM IL-ĦRUĠ TAL-VARA - *Jum is-Sejħa Nisranija***

6:30pm Quddiesa li titmexxa minn Mons. Ġużepp M. Farrugia, ex-kappillan ta' din il-parroċċa (2011-2014) bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini, u li fiha ssir il-Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Appostlu Missierna San Pawl.

7:30pm Ħruġ tal-Istatwa ta' San Pawl fuq iz-zuntier u tislima bl-Innu Popolari. Tieħu sehem il-Banda San Pawl Safi li ddoqq l-Innijiet u wara tagħmel marċ ferrieħi li jibda mill-pjazza u jinżel għal Triq San Pawl, il-Housing Estate ta' ħdejn iċ-Ċimiterju, Ta' Rqajja' u jitla' minn Triq San Ġwann, imur fil-Housing Estate f'Ta' Amparell, jgħaddi minn Triq Tal-Ajżar, imur għal Triq Ħlantun, Triq Santa Marija, u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin tal-Banda San Pawl.

It-Tlieta 21 ta' Awwissu ***Jum it-Tfal u ż-Żgħażagħ***

5:45pm Diversi tfal u żgħażagħ jinġabru fil-Museum tas-Subien u jġibu xemgħa/fjura magħhom. Flimkien jimxu wara xbieha ta' San Pawl sal-Knisja Parrokkjali waqt il-kant tal-innijiet ta' San Pawl.

6:30pm Quddiesa mill-Kappillan, il-Kan. David Farrugia, bis-sehem tat-tfal u taż-żgħażagħ li jħobbu l-festa.

7:30pm Logħob għat-tfal kollha tal-parroċċa f'Misraħ il-Knisja organizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ.

8.30pm Fiera u BBQ fil-pjazza b'risq il-festa.

L-Erbgħa 22 ta' Awwissu **L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - *Jum ir-Rabta Pawlina***

9:15am Quddiesa għall-membri tas-*Safi Day Centre* mill-Kappillan, il-Kan. David Farrugia, fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk li joqogħdu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, dawk li ġew joqogħdu Ħal Safi, Ħalsafin li joqogħdu f'irħula oħra, u dawk li joqogħdu barra minn Malta u li bħalissa qegħdin fostna. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, Patri Allister Marija Aquilina OFM Conv. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

8:30pm Marċ mill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, li jibda minn Triq San Ġwann (in-naħa ta' Ħal Kirkop), idur għal Triq il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq in-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq l-Iskola, Triq il-Menqa, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq Dun Karm Vella, Triq il-Kaċċaturi, Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Ħlantun, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija u jispiċċa fil-pjazza quddiem il-Każin tal-Banda San Pawl.

Il-Ħamis 23 ta' Awwissu **IT-TIENI JUM TAT-TRIDU - *Jum l-Għixien Familjari***

5:00pm Qrar

6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw il-10/20/25/30/40/50 sena anniversarju taż-żwieġ tagħhom, u dawk li żżewġu wara l-festa tas-sena l-oħra biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Mistiedna wkoll dawk li qed jagħmlu l-mixja għat-tħejjija taż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. *(Min bi ħsiebu jattendi tajjeb li jinkiteb fl-Uffiċċju Parrokkjali)*. Imexxi Patri Allister Marija Aquilina OFM Conv. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

8:45pm Il-Banda San Pawl ta' Ħal Safi tesegwixxi Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier, fejn fost oħrajn jindaqq u jitkanta l-Innu l-Kbir 'Is-Sejħa' taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Michael Bugelli bis-sehem tal-Kor 'Mirabitur' u s-solisti Marita Bezzina, Vince Farrugia u Thea Aquilina.

Il-Ġimgħa 24 ta' Awwissu **IT-TIELET JUM TAT-TRIDU -**
***Jum l-Għaqdiet u l-Impenn Nisrani***

Filgħodu Tqarbin tal-morda fi djarhom.

5:00pm Qrar

6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi u dawk li jgħinu fil-ħidma missjunarja jew għamlu esperjenza missjunarja. Imexxi Patri Allister Marija Aquilina OFM Conv. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

8:45pm Marċ mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi li takkumpanja l-Istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel. Il-marċ jibda minn Triq il-Feniċi u jgħaddi għal Triq il-Biedja, Triq Ta' Ġawhar, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq, u jintemm fil-pjazza tal-Knisja fejn l-Istatwa tittella' fuq il-pedestall. Wara jkun hemm kant ta' diski Pawlini u jintwera wkoll il-*feature* tal-festa.

Is-Sibt 25 ta' Awwissu **LEJLET IL-FESTA**

8:00am Quddiesa mill-Kappillan, il-Kan. David Farrugia,
li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*.

5:00pm Qrar

6:00pm Purċissjoni li titlaq mill-Knisja Parrokkjali lejn il-Knisja ta' Santa Marija.

6:15pm Inċensazzjoni tar-Relikwa ta' San Pawl u Translazzjoni mill-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali. Isir il-kant tal-Innu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi r-Rev. Dun Ryan Lee Pace, Viċi tal-Parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema.

| | |
|---|---|
| 7:30pm | Quddiesa, ippreseduta mir-Rev. Dun Ryan Lee Pace, Viċi tal-Parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema. |
| 8.30pm | Il-Banda San Pawl ta' Ħal Safi tesegwixxi programm fuq il-planċier. |

Il-Ħadd 26 ta' Awwissu **JUM IL-FESTA**

| | |
|---|---|
| 6:45am | Quddiesa |
| 9:00am | Quddiesa solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa, immexxija minn Mons. Frans Abdilla, Vigarju Episkopali għall-Kleru u għall-Parroċċi. Jinseġ il-Paniġierku r-Rev. Brendan Mark Gatt, Vigarju Ġudizzjarju tat-Tribunal Metropolitan ta' Malta u Kanonku tal-Kolleġjata ta' San Lawrenz, Vittoriosa. |
| 11:00am | Jibda l-Marċ ta' Filgħodu mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi. Jgħaddi minn diversi toroq fejn fl-aħħar jilħaq il-qofol tiegħu fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin San Pawl u jintemm fis-2:00pm. |
| 6:00pm | Quddiesa mill-Kappillan David Farrugia,<br>Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. |
| 6:45pm | Il-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema tagħmel marċ li jibda minn Triq iż-Żurrieq u jispiċċa fil-pjazza tal-Knisja. |
| 7:15pm | Tibda l-purċissjoni bl-Istatwa Titulari tal-Appostlu Missierna San Pawl. Imexxi r-Rev. Dun Ryan Lee Pace, Viċi tal-Parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema. Mal-ħruġ tal-purċissjoni jindaqqu l-innijiet, u jinħarqu musketterija, salut u kaxxa infernali. Il-Kor 'Mirabitur' jakkumpanja lill-Banda Birżebbuġa waqt l-Innijiet. Il-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema takkumpanja l-purċissjoni, u l-Banda Birżebbuġa tagħmel programm mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 10:00pm | Jindaqqu l-Innijiet ta' San Pawl mill-Banda Birżebbuġa akkumpanjata mill-Kor 'Mirabitur' taħt it-tmexxija ta' Simone Attard. |
| 10:30pm | Ninġabru fuq iz-zuntier, tinħaraq il-kaxxa infernali, u nilqgħu l-Istatwa ta' San Pawl lura fil-knisja. Fid-dħul tagħha titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjonijiet jintemmu bl-Innu ta' San Pawl u bil-bews tar-relikwa. |
| 11:00pm | Isir il-Marċ tan-Nar mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi li jibda minn Triq iż-Żurrieq; jakkumpanja l-Istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel li titniżżel minn fuq il-pedestall u jintemm kollox fil-Pjazza tal-Knisja. |

***Ġewwa l-Knisja Parrokkjali:***

| | |
|---|---|
| Fil-jiem tat-Tridu: | Il-mużika u l-Kor Sine Macula jkunu taħt id-direzzjoni<br>ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M. |
| Lejlet u nhar il-Festa: | Tindaqq il-Mużika tas-Surmastrijiet<br>Dr Paolo Nani u Mro Antonio Nani.<br>Il-mużika u l-kor ikunu taħt id-direzzjoni<br>ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M. |



# Memorji mill-isbaħ






# Festa 2017





**f'ġieħ l-1950 sena**






mill-Martirju ta' San Pawl




The Convenience Shop
100% MALTESE
FRESHLY baked Bread daily
CIABATTA OLIVE
CIABATTA WITH SUNDRIED TOMATOS
CIABATTA SEMOLA
CIABATTA WHITE
CIABATTA BROWN
DEMI BAGUETTE
ONION BAGUETTE LARGE
ONION BAGUETTE SMALL
RANGE OF CHEESE
RANGE OF HAM
MILK
CONFECTIONERY
THE CONVENIENCE SHOPS, MALTA




**CAR WASH**

- Car Servicing
- Wheel Balancing
- Car Accessories
- Crash Helmets
- Puncture Repairs
- Car Batteries
- Oils & Filters
- Mountain Bikes
- Power Tools
- Free Balancing with Alloy Wheels
- Car Batteries with 3 Years Guarantee

*Jawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha.*



# Il-Perù jibqa' jsejjaħli

*Pawlina Zammit*

***Il-bniedem jipproponi imma Alla jiddisponi***

Ngħid id-dritt, il-ħsieb u l-pjan oriġinali li kont fassalt għal din is-sena kien li meta nmur il-Perù nagħmel żmien itwal mis-soltu, madwar seba' ġimgħat minn Frar sa qabel l-Għid hemmhekk, iżda minħabba inċident li nqalagħli kelli ndawwar kollox u għamilt xahar, eżatt wara l-Għid.

***Xahar ippakkjat***

Bħal dejjem, meta nkun il-Perù nagħmel volontarjat, iż-żmien itir tassew. Nista' ngħid li x-xahar li l-Mulej ippermetta li nagħmel kien xahar ta' ħidma kontinwa. L-hena tiegħi insajjar, u hemm ma naqsitx ukoll xi tisjira ta' borma bigilla, jew xi dixx ross jew imqarrun il-forn - ħaġa xierqa hux li npoġġu u nservu l-ikel Malti fil-Peru! Esperjenza li nixtieq naqsam magħkom din is-sena, ħalliet impatt kbir fuqi u sikwit naħseb fuqha. Waqt żjara ma' Marija, is-*social worker*, qalb il-foqra li jgħixu fil-muntanji, ġiet tiġri fuqna waħda mara, tibki u tixher, għax il-lejl ta' qabel daħlu l-klieb li kien hemm jiġġerrew barra u qatlulha t-tiġieġ li kellha, b'liema tiġieġ kienet tgħajjex lill-familja tagħha għax il-bajd li kienu jbidu kienet tbigħhom u jipprovdu ftit introjtu għall-ħajja. Issa mifxula u ma tafx x'se tagħmel għax ma kellhiex imqar ftit flus biex tixtri t-tiġieġ, u kif kienet sejra tgħajjex il-familja b'żewġt itfal żgħar? Jien flimkien ma' żewġ volontieri Amerikani oħra iddeċidejna li nixtrulha t-tiġieġ biex tkun tista' tkompli n-negozju żgħir tagħha. Xtrajnielha wkoll serduk, ħalli l-bajd ikun tajjeb għat-tqegħid u b'hekk tkabbar l-ammont ta' tiġieġ. Xtrajnielha wkoll l-għalf għalihom u tgħajnieha xi flus biex tkun tista' ssewwi l-gallinar li kissrulha l-klieb. Tridu taraw wiċċha kif xegħel meta ħadnielha l-kaxxi bit-tiġieġ fihom! It-tifla li għandha tliet snin, u li xogħolha kien li tiġbor il-bajd, tgħidx kemm qabżet bil-ferħ hekk kif rat it-tiġieġ ġol-kaxxi, u erħilha l-ħin kollu



titbaxxa biex tittawlilhom. Ommha kważi bdiet tibki bil-ferħ għax għaliha dan kien ifisser li tista' tkompli tgħix.

***Il-Providenza ma tiqafx***



Meta qsamt din l-esperjenza fuq *Facebook,* kienu diversi persuni li offrew donazzjonijiet għal din il-familja. U mill-flus li ngħataw, wara li tħallsu l-ispejjeż li saru, kien baqa' ammont li mar fil-fondi għal donazzjonijiet oħra għal persuni foqra oħra, li kull sena tingħata lil Fr Alex Busuttil M.S.S.P., il-Missjunarju Malti, li hu responsabbli kemm għad-dar tat-tfal abbandunati, kif ukoll għal ħafna familji fqar u bil-ġuħ li ta' kuljum jiġu jittalbu għandu għall-għajnuna.

***Għatx għat-tagħlim u għal għejxien xieraq***

Din id-darba, grupp ta' Peruvjani li jgħixu fil-faqar, staqsewni jekk nistax nibda ngħallimhom ftit l-Ingliż. Għalkemm jien qatt ma kont imħarrġa biex inkun għalliema, aċċettajt. Għidt bejni u bejn ruħi, "Ngħallimhom dak li naf hux!". Bdejna bil-lezzjonijiet; l-istudenti li kelli kienu mħalltin bejn it-tmien u l-erbgħin sena. Kultant konna qisna tal-kummiedja: *Mind your Language.* Mela fost l-istudenti kien hemm ġuvni ta' 19-il sena u kien anzjuż biex jitgħallem. Sirt naf li hu flimkien ma' familtu kienu fqar ħafna għax missieru kien abbandunahom u la kellhom fejn joqogħdu u lanqas x'jieklu. Barra minn hekk ommu kienet dieħla u ħierġa l-isptar u kellhom dejn ma' tal-merċa tant li ma kinetx se tagħtihom aktar provvisti. Dan il-ġuvni ried isib xogħol biex ikun jista' jitma' lill-familja tiegħu. Rajna kif għamilna u daħħalniehom fl-iskema biex jieħdu l-ikla ta' nofsinhar mill-kċina komuni li Fr. Alex kien waqqaf biex jitma' lill-familji bil-ġuħ. Għal filgħaxija, imbagħad, kont inlestilu ħobż imħawwar u nixtrilu l-frott, ħalli jkollhom għal filgħodu. Kont ngħinu barra l-ħin u bdejt inħarrġu fit-tagħlim tal-Ingliż li jintuża fil-kafetteriji, ristoranti u fil-lukandi, biex ikun jista' jfittex xogħol bħala *waiter* ġo Arequipa, belt li jżuruha ħafna turisiti. Qalbi kienet toħroġ għalih u litteralment kont nibki



miegħu meta kien jiftaħ qalbu miegħi. Xi ħbieb tiegħi, meta għidtilhom l-istorja tiegħu fuq *Private Chat,* offrew xi flus biex ngħaddihomlu u flimkien ma' flus oħra, ħallasnielhom id-dejn kollu, sabu kamra b'kera baxxa fejn joqogħdu u ftit qabel ma tlaqt għal Malta, ġie qalli li sab



xogħol ġo ristorant. Tassew fraħt u għannaqtu miegħi meta tani din l-aħbar sabiħa. Vera serraħli moħħi u s-sodisfazzjon li ħassejt għall-fatt li stajt inferraħ familja bl-affarijiet jew bżonnijiet bażiċi u essenzjali tal-ħajja ma nistax nispjegah. Wieħed irid jesperjenzah hu. It-tbissima fuq wiċċhom tibqa' tixgħel.

***Iż-żmien igerbeb***

U hekk taru erba' ġimgħat bħal berqa. Kuljum nitgħallem, u kull ġurnata nikber iżjed fl-imħabba għal dawn il-fqar. Nikber, għax dejjem jgħallmuni biex naċċetta lili nnifsi kif jien u b'li għandi. Aħna ma nafux x'jiġifieri l-uġigħ tal-ġuħ. Min jarmi jew jaħli l-ikel m'għandux idea ta' x'qed jiġri verament madwarna. Alla kollox sew ħalaq. Huwa l-egoiżmu tal-bniedem li ħoloq dan il-ġuħ u din id-differenza ta' għejxien. Għaliex 10 fil-mija mill-popolazzjoni tad-dinja għandha ikel biżżejjed u l-kumplament jinsabu jew fil-faqar jew f'tarf il-faqar? U kieku l-flus li wieħed jaħli fl-ikel żejjed li jintrema, jgħaddihom għal xi skop biex jitma' lil min hu bil-ġuħ, il-ħajja tkun ħafna aħjar. Isir ħafna ġid u jkollna ħafna aktar paċi fil-qlub.



***Talba mill-qalb:***

***"O Mulej nitolbok għall-fqar tad-dinja kollha***
***u għall-missjunarji li bl-akbar imħabba, dedikazzjoni u paċenzja,***
***ħallew lil art twelidhom u lill-familji tagħhom***
***biex ikunu ta' għajnuna għal tant fqar mad-dinja.***
***Grazzi Mulej, u kompli żomm idejk fuqna lkoll!"***


Il-Warda
flower shop
Floral Arrangements for
• Weddings & Special Occasions
• Fresh Flowers Daily & Delivered
• Gift Ware
• Pottery
• Dried Flowers
• Souvenirs & Much More
94, Triq ix-Xitwa QORMI • Tel: 2149 2626


MALAMONT & SILVAN BUTCHER
45, Triq l-Iskola, Safi
Prop: Mr. Silvan Dalli
Mob No.: 9988 1632
Għall-aqwa servizz u kwalità ta' laħam frisk u tal-friża, tiġieġ u fniek friski, ħut u ħaxix tal-friża u kull xorta ta' laħam frisk li tista' ssib f'ħanut tal-laħam.
Il-Festa t-Tajba lill-Ħalsafin Kollha


The Fruit Tree
35, Triq il-Bronja, Zurrieq Tel: 21647657 Mob:79926196
Prop. Joseph Scerri
Daily Fresh Fruit & Vegetables
Opening Hours
Mon & Thur
7.15am - 7.00pm
Tue & Fri
7.15am - 12.00pm
4.00pm - 7.00pm
Wed
7.15am - 12.00pm
Sat
7.15am - 1.00pm





V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.





TRANSPORT SERVICE: Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck - Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt


KULL M'GĦANDU BŻONN
L-Induratur
DEHEB TA'
L-INDURATURA,
SILVER LEAF,
ALUMINIUM LEAF
FLIMKIEN MA' DIVERSI
GĦODDA U PRODOTTI
OĦRA RELATATI MA'
DAN IX-XOGĦOL
ARTISTIKU
KIF UKOLL GĦAR-
RESTAWR.
EST 1923
E. THEUMA & COMPANY LTD.
"Theuma House", 302, St. Paul Street,
Valletta VLT 1213, MALTA
Tel +356 21 236605 / 21 234075 Fax: +356 21 244201
info@etheuma.com www.etheuma.com


DIE ECKE SIGGIEWI
D.E.S
IMPORTERS AND DISTRIBUTORS
MONS. M.AZZOPARDI STREET, SIGGIEWI | T. 2146 3403 M. 7947 3870
TRIQ L-ISKOLA SAFI | T. 21/27 641149
info@desmalta.com | www.desmalta.com
DESMALTA
Like us on Facebook
BACK TO SCHOOL!
seven
20% DISCOUNT VOUCHER + FREE GIFT WHEN PURCHASING YOUR SCHOOL BAG
BUY 2 & GET 1 FREE LEVER ARCH FILE
O'NEILL
STREET
BEST GEAR
TOTTO
Trolls
PAW PATROL
FROZEN
SPIDER-MAN
MOANA
AVENGERS ASSEMBLE
MINNIE
10% DISCOUNT VOUCHER
WHEN PURCHASING YOUR SCHOOL LIST
BOOK COVERING, BINDING & PHOTOCOPY SERVICE AVAILABLE
WITH COMPETITIVE PRICES
SAVE BIG!!
WHEN PURCHASING PACKET OF COPY BOOKS OR REFILL PADS

# L-Indja: Ħolma jew realtà?

*Marija Zammit*

***It-tfittxija għal xi ħaġa aktar***
Sabiħ li tgħin u żżomm il-paċi, iżda dan mhux dejjem hu possibli bil-ħajja mgħaġġla li għandna illum il-ġurnata. Kif ġie ċ-ċans opportun nixtieq nisraqilkhom ftit minuti biex naqsam magħkom ġrajja żgħira.

Minn dejjem kelli l-ħolma li nkun t'għajnuna, kemm fil-familja, kif ukoll fis-soċjetà. Komplejt il-karriera bħala infermiera, però x-xewqa dejjem kienet ta' volontarjat. Ħassejt li ridt aktar, li ħajti kien fiha skop t'għajnuna, ħassejt li kelli l-vojt ġo fiha.

***Tiġi l-opportunità***
Wara ħafna żmien ta' riċerka, l-opportunità waslet. Nirringrazja lill-assoċjazzjoni ta' *Right2Smile*, fejn offrewli din l-opportunità biex immur ngħin b'mod volontarju. Iżda kelli għażla, hekk hux ħa ngħin f'Malta stess jew postijiet barra minn xtutna, bħalma huma l-Kenya, l-Indja jew il-Kambodja. Sabiħ li ngħinu lil ħutna l-Maltin, però din id-darba ħassejt li kapaċi nkun aktar avventuruża.



Ingħaqadna grupp ta' 12-il volontier, kollha ħerġin minn diversi setturi differenti tas-saħħa, bħal tobba, infermiera, spiżjara u kif ukoll studenti tal-mediċina. Bdejna insiru nafu lil xulxin bil-mod il-mod, waqt li naraw kif naħdmu id f'id b'għan wieħed. Kellna tlett xhur ta' preparazzjoni għal din il-missjoni fejn kellna nwettqu diversi attivitajiet biex niġbru ammont ta' flus bħala għajnuna kif ukoll komplejna ningħaqdu bejnietna, grazzi għall-fundatur ta' *Right2Smile*, Damjan Attard.

***Mistoqsijiet, inċertezzi u preparazzjoni***
Din kienet l-ewwel sena fejn din l-assoċjazzjoni kienu qed joffru din l-opportunità fuq xogħolijiet volonatarji fil-qasam mediku. Bħalma jgħidu, il-bidu dejjem fih il-biża' tiegħu, imma hekk ma tibdiex ma tasalx. Iżda kelli il-biża: X'ser insib? X'ser nara? X'ser jiġri? Kelli ħafna inċertezzi u ħsibijiet dwar x'riżorsi ħa jkollna u kif din il-missjoni kienet ħa tintlaqa' minn nies tal-post.

Din kienet l-ewwel darba li kont ħa nagħmel volontarjat, l-ewwel darba barra mill-Ewropa il-bogħod mill-familja u d-dar għal żmien pjuttost twil. Esperjenza li mhux ser issiba kuljum tistennik wara il-bieb, barra mill-kumdità u rutina li aħna trabbejna fiha, iżda kienet esperjenza b'xewqa tar-realtà.

***L-ewwel impressjoni***




L-Indja. Inħsadt x'ħin ħarist madwari, u ssorprendejt ruħi b'dak li kont qed nara, nisma', inħoss u nxomm: kollox kien differenti minn xtutna. Rajt folol kbar ta' nies u baqar jiġru fit-triq, ir-riħa ta' ikel, tabakk, għaraq u *exhaust* kienet l-ewwel ħaġa li laqtet l-imnifsejja. Is-sħana xorbitni malli għamilt l-ewwel pass barra u l-istorbju kien itarrxek. Il-lingwa tagħhom kienet aljena għalija u ħadd ma deher li jifhem bl-Ingliż. L-iktar ħaġa li ġibditli l-attenzjoni kienet l-espressjoni ta' wiċċhom: kienu qed iħarsu lejna qisna ġejjin minn pjaneta oħra.

***Il-wasla go Bodhgaya***

Kellna 17-il siegħaa fuq ferrovija, fejn morna minn New Delhi għal Bodhgaya, ġol-istat ta' Bihar, li hu kkunsidrat bħala stat ta' faqar u kriminalità. Laqqatna naqra ħars ikrah mhux ħażin sakemm għednilhom li bi ħsiebna nagħmlu xogħol ta' volontarjat.

Il-pjan tagħna għall-ewwel ftit jiem kien li mmorru ngħinu fl-iskola ta' Bodhi Tree u wara imbagħad nibqgħu sejrin fil-villaġġi tal-madwar biex infehmuhom aktar kif għandhom jieħdu ħsieb tagħhom innifishom, nagħtuhom il-mediċina u l-kura, kif ukoll l-edukazzjoni meħtieġa.



***Tobba ta' ġilda bajda jagħmlu l-maġija***

Ġo kull villaġġ li morna, folol ta' nies bdew ġejjin biex jaraw it-tobba tal-ġilda bajda jagħmlu l-maġija biex ifejquhom. L-ammont ta' nies li bdew jiġu kien inkredibbli: min sempliċiment biex iħares u min biex ikellimna u jieħu l-mediċina u trattament li kellu bżonn. Ġew tfal u nies ta' kull età, ta' kull daqs, u ta' kull għamla. Però l-aktar ħaġa li ħassejt hi għal kull meta rajt trabi u tfal


Blacks Blondes
Unisex Salon
Hair done by Diane
Triq il-Kaċċaturi,
Ħal Safi.
Tel: 2168 3860
Monday Closed


Genaudio
audio • video • projection • conferencing
• www.genaudiomalta.com • info@genaudiomalta.com • +356 2145 9966 / 9949 5979 •


Open Monday to Saturday 8.00 - 13.00
Monday to Friday 15.00 - 19.00
facebook.com/xarolladentalclinic
164, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq ŻRQ 2021
Tel: 2164 1741
xarolladental@gmail.com
XAROLLA
DENTAL CLINIC

MIEGĦEK DEJJEM
U KULLIMKIEN
Ħal Safi
Joseph Busuttil - Tied Intermediary
61, Triq iż-Żurrieq
T: +356 2168 2095, 2768 2095 | jbs16@hotmail.com | gasanmamo.com
GasanMamo Insurance Ltd. hi awtorizzata mill-MFSA.
GasanMamo

b'nuqqas ta' piż adattat, tfajliet bl-anemija, b'ħafna tfal u trabi, u nisa u rġiel li ġew dirett mill-għelieqi tar-ross.



Iż-żjara tagħna fl-Indja, inzertat fiż-żmien tal-*monsoon*. Għalhekk sibna ħafna kundizzjonijiet u infezzonijiet assoċċjati mat-temp, kif ukoll kundizzjonijiet relatati max-xogħol iebes fl-għelieqi u li ħafna min-nies ilmentaw dwarhom. Stagħġibna kemm dawn in-nies isofru minn kundizzjonijiet ħorox tul ix-xhur ta' temp ikraħ u kiefer, u kellhom infezzjonijiet u kundizzjonijiet gravi li setgħu swewlhom ħajjithom imma xorta baqgħu għaddejin fuq saqajhom. Min-naħa tagħna ppruvajna nieħdu ħsiebhom mill-aħjar li stajna, allavolja kellna nuqqas ta' riżorsi. Qassamna mediċina għall-uġieħ, antibijotiċi u mediċina kontra l-allerġiji, fost l-oħrajn. Għan-nies li kellhom bżonn aktar għajnuna milli stajna nipprovdu, kellna nibagħtuhom l-isptar għall-kumplament tal-kura u attenzjoni għall-mard u l-feriti.

***Is-sens ta' sodisfazzjon***

Meta taghmel att ta' għajnuna ma' xi ħadd u tara dik it-tbissima ħelwa fuq fommhom, tieħu sodisfazzjon liema bħalu. Irrealizzajt kemm vera mix-xejn tista' toħloq tbissima. Ghal ftit mumenti ppruvajt nagħmel ħajja ta' persuna oħra aħjar, tajt tama għal kura u fejqan, kif ukoll imlejthom bit-tama li hemm nies jimpurtahom minnhom ġejjin min-naħa l-oħra tad-dinja, b'karnaġġjon differenti, b'reliġjon differenti, u allura m'għandhomx jaqtgħu qalbhom.

***Reliġjon stramba***

Fir-rigward tar-reliġjon, nistqarr li ħajjithom litteralment iddur mat-twemmin tagħhom. Anke l-ikel hu ibbażat fuq dan it-twemmin. Infatti l-istat ta' Bihar huwa veġeterjan, fejn kull ikla tikkonsisti minn ross, patata u taħlita ta' ħaxix ieħor. Għalina l-volontiera Maltin li d-dieta tagħna hija ibbażata fuq laħam, tiġieġ u għaġin, din kienet sfida kbira, u kulħadd beda jaħseb fl-ikel li ħallejna warajna d-dar, u bl-immaġinazzjoni saħansitra rwejjaħ li ma kinux hemm irnexxielna nxommu!

Fl-aħħar tal-missjoni tagħna f'Bodhgaya, morna mawra sa' Varanassi, belt imsemmija għal għats u x-xmara Ganga. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-funerali huma magħrufa li jsiru kuljum fuq il-għats. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ma jsirux kif aħna mdorrijin. Wara ċerimonja fejn l-irġiel biss jieħdu sehem fiha, il-ġisem tal-mejjet jiġi maħruq u mitfugħ fix-xmara, minn fejn ir-ruħ titla' Nirvana. In-nisa huma

pprojbiti li jipparteċipaw peress li huma meqjusa bħala dgħajfa u jekk jibku waqt il-funeral ruħ il-mejjet ma tmurx fejn suppost.

***Nisa mingħajr drittijiet***



Il-prinċipji u d-drittijiet tan-nisa f'Malta huma ferm differenti minn tal-Indja. Hemmhekk issib tfajliet adoloxxenti imwiegħda għaż-żwieġ u meħudin mill-irġiel tagħhom biex jgħixu 'l bogħod mill-familjari tagħhom, sabiex jieħdu ħsieb il-familja ġejjiena u l-għelieqi. Għaldaqstant tista' tgħid li l- edukazzjoni tagħhom tiġi miċħuda. B'hekk *Right2Smile* joffri opportunità ukoll lil dawn it-tfajliet li jixtiequ jieħdu edukazzjoni, fejn bil-programm *Garden of Smiles* isiru lezzjonijiet ta' kitba, it-tagħlim tal-lingwa Ingliża, u korsijiet ta' ħjata u krafts oħrajn.

F'dajk il-ftit żmien li qattajna ngħinu fl-iskola ta' Bohdi Tree, għamilna ħbieb ma' dawn it-tfajliet u għallmuna huma ukoll dwar it-teknika tal-krafts li jagħmlu, u kif ukoll kellna l-opportunità nkunu mudelli biex jipprattikaw l-arti tal-*mehendi*, arti temporanja fuq il-ġisem, li aħna l-Maltin nafuha bħala l-*henna tattoo*.

***Kundizzjonijiet u nuqqas ta' kumdita'***

L-iktar ħaġa li mpressjonatni hija kif jgħixu dawn in-nies mingħajr affarijiet bażiċi tal-ħajja: familji kbar mingħajr dawl u ilma, u b'annimali jgħixu mal-madwar b'mod liberu għall-aħħar. In-nies jaħdmu f'dik ix-xemx qalila għal ġranet sħaħ, mingħajr użu ta' protezzjoni għal ġilda, u mingħajr ħwejjeġ u żraben adatti. Apparti minhekk, id-dietà tagħhom hija fqira għal dak ix-xogħol kollu u tiddependi minn ħxejjex li jkabbru huma stess. L-edukazzjoni u l-kura hija biss privileġġ għas-sinjuri.

***Riflessjoni qawwija***

Imma stagħġibt mhux ftit meta nara li f'dawn il-kundizzjonijiet u n-nuqqasijiet kollha, dawn in-nies xorta kellhom tbissima fuq xofftejhom: kulħadd ferħan li reġgħet ġiet ġurnata oħra u li tistedinhom iħabirku biex imorru jagħmlu x-xogħol. Tara tfal żgħar jiġru fit-toroq u fit-tajn b'għajnejhom jixgħelu u bid-daħka fuq fommom. Bdejt nirrealizza kemm aħna xxurtjati li f'Malta għandna tant faċilitajiet tal-komunikazzjoni elettronika, tant servizzi tal-iskola u l-edukazzjoni b'xejn, fejn inqumu u nsibu d-dawl u l-ilma nadif u platt varjat kuljum. Bdejt ninduna kemm aħna li dejjem insibu l-kumdità kuljum, nispiċċaw biex ma napprezzawhiex; anzi dejjem irridu aktar.


ALL YOU NEED IS CONVENIENCE
Follow us on Facebook
Convenience Shop
RANGE OF CHEESE
RANGE OF HAM
MILK
CONFECTIONERY
THE CONVENIENCE SHOP - M'SCALA
THE CONVENIENCE SHOP SAFI
Triq Ta' Gahwra
OPENING HOURS
From 5am to 9pm including Sunday's and public holidays


StudioB
Health & Beauty
112, St. Paul's Street, Żurrieq
Tel: 21 682 421 • Mob: 99 458 644
gannajs@hotmail.com
www.studioBslimming&beauty.com.mt
10% discount will be given on presentation
of this advert on all treatments @ studiob health & beauty
Services provided at StudioB includes:-
• All types of facials tailored to fit the clients need,
• Waxing and holistic massages for him and her,
• Pedicures and Manicure,
• IPL treatments,
• Weight loss treatments using latest technology,
• Make up for all occasions.
All the above services are performed
by qualified staff

***Sena wara***



Issa għaddiet sena minn din l-esperjenza, u din it-tagħlima għadni nġorrha miegħi kuljum. Għadni niftakar f'din l-esperjenza li kelli ġewwa l-Indja u l-ħbieb ġodda li għamilt, u li f'dan iż-żmien qasir konna magħqudin bħala familja waħda. Kienet esperjenza li diffiċċli niddeskriviha sewwa bil-kliem, u li minnha għadu jfawwar il-ferh u s-sens ta' paċi interjuri f'ħajti. Irrealizzajt li dejjem għandek tapprezza dak li għandek, u tgħin f' kull ċans li jiġi.

Fl-aħħarnett nistiedenek, int min int, int fejn int, kemm kbir u kemm jekk żgħir, sabiex tiftakar li l-komunikazzjoni mhux bilfors li hi lingwa li jifhmuha ftit nies, għax din tista' tkun tbissima li tinftiehem mad-dinja kollha. B'dan kollu għaraft li qatt m'inti sinjur biżżejjed, sakemm ma ssib xi ħaġa li bil-flus ma tixtrihiex.

Titħajjar int?





MOVIE LAND
66, TRIQ MATTEOLO SALIBA, ZURRIEQ
TEL: 27642460
E-MAIL: KKCAMILLERI@GMAIL.COM
Smart & Mobile Phones
iPhone 5
Samsung GALAXY S IV
MOVIE LAND
©2013 Google
Map data ©2013 Google
TV's - 2 YEARS FULL WARRANTY - All sizes - GREAT PRICES!!!
PHILIPS
Hisense
Panasonic
ATRON
Blu-ray 3D
DVD & BLU-RAY Rentals
• Attractive prices, GREAT SELECTION
Photocopy Service
• Unbeatable quality - Full Colour, B&W
• Print from digital media - CD/USB/MMC
Repair Centre
• WARRANTY issued on most repairs
Mobile Phones
• Latest models, accessories, repairs
DVB-T receivers for Digital Freeview
DVD Players
Computer Accessories
BLU-RAY Players
• Stand & Desk fans
• High Velocity fans
• With or without remote
• Silent motor
Tablets
Cordless Phones



# Rakkonti: Gianni Vella u l-Koppla tal-Knisja ta' Ħal Safi

*Jinny Cachia*

Gianni Vella kien artist Malti li matul il-ħajja twila li għex ħadem bla heda. Minn xogħlijiet ċkejknin magħmulin b'erba' pinzellati friski fuq xi biċċa injama skartata, soqfa u koppli fi knejjes. Vella baqa' għaddej jaħdem sal-aħħar xhur ta'ħajtu. Meta kien għadu żagħżugħ studja ma Ġużeppi Calì u ma' Attilio Palombi. Dan tal-aħħar kien wieħed mill-ħafna artisti Taljani li kienu jsibu xogħol hawn Malta wara l-unifikazzjoni tal-Italja. Appuntu kien waqt li Palombi kien qiegħed jaħdem fil-knisja ta' San Pawl il-Belt Valletta li Gianni Vella beda jaħdem miegħu bħala assistent. Mingħand Palombi, Vella tgħallem ħafna u bis-saħħa tiegħu wkoll tnisslet ġewwa Vella l-ambizzjoni li jkompli jispeċjalizza barra minn Malta; kif fil-fatt għamel. Fl-1907, Vella, ta' madwar 22 sena, ħalla 'l ħutu u 'l ommu (missieru kien ilu mejjet snin) u telaq lejn Ruma fejn studja fl-Accademia di Belle Arti u fil-British School. Qabel telaq kien ġa ħadem xi xogħol ekkleżjastiku, imma meta ġie lura Malta, issa ħafna aktar ippreparat minn qabel, Vella malajr kiseb isem bħala wieħed mill-aqwa artisti tal-knejjes. Kien fil-fatt ftit wara li rritorna Malta li Vella ħadem wieħed mill-isbaħ kwadri reliġjużi li qatt għamel. Dan hu l-Qalb ta'Ġesù għall-knisja tal-Karmelitani Skalzi, xogħol devot u maħdum b'lingwaġġ b'saħħtu xi ftit Art Nouveau. Minn hemm 'il quddiem Vella kiseb popolarità kbira u għal perjodu twil kien forsi wieħed mill-aktar artisti mfittxija għal xogħol ekkleżjastiku.



Gianni għalhekk tgħallem ma'żewġ artisti li għexu, u prinċipalment trawmu, f'dawk l-ideat li kienu kurrenti matul it-tieni nofs tas-seklu dsatax, u meta fl-1907 mar Ruma biex jissokta bl-istudji tiegħu hemm, ftit li xejn mess ma' stili jew artisti li kienu aktar aġġornati, jew li b'xi mod kienu jagħmlu parti mir-rivoluzzjoni artistika li kienet bdiet isseħħ matul dawk iż-żminijiet – bħal ngħidu aħna l-Kubiżmu, il-Futuriżmu, il-Fauviżmu u l-bqija. Gianni Vella kien, wara kollox, kontemporanju kważi eżatt ta' Pablo Picasso; iżda fejn wieħed fittex li jkun konfrontali u ikonoklastiku, Vella ma sab l-ebda problema li jesperimenta fil-parametri tad-tradizzjoni. Fl-



Akkademja tkisser aktar fid-disinn u t-teknika. Matul dawk is-snin żgur li influwenza ruħu minn kurrenti artistiċi bħal dak imsejjaħ Stile Floreale jew kif inhu aktar magħruf, l-Art Nouveau u anke mir-Realisti u l-Macchiaioli Taljani. Meta ftit wara kellu jqatta' xi ftit xhur jgħix ġewwa Pariġi, m'għandi l-ebda dubju li hemm ra xi xogħlijiet Impressjonisti u li dawn żgur ħallew impatt b'saħħtu fuqu. Dan l-impatt, iżda, ma tellfux milli japprezza artisti li kienu jaħdmu f'idjoma ħafna aktar tradizzjonali u akkademika, bħal ngħidu aħna, William-Adolphe Bougereau. Hekk tagħġnet il-personalità artistika ta' Gianni u ftit li xejn kellha titbiddel matul il-karriera twila li kien għad għandu quddiemu. L-Impressjonisti, il-Macchiaioli, l-artisti Art Nouveau, ir-Realisti, il-Pre-Raphaelites Ingliżi u l-akkademiċi tradizzjonali twaħħdu kollha flimkien ġewwa fih, u hu, b'sempliċità diżarmanti, kien joħloq kwadri li bla ebda tqanżiħ jinċitaw dawn is-sorsi.

Fl-1950, meta allura ġa kellu 65 sena, Gianni Vella beda jaħdem xbihat għall-koppla tal-knisja ta'Ħal Safi. Bħalma kien jagħmel ħafna drabi, Vella ma pittirx dirett fuq il-ġebla jew uża xi forma ta' affresk, kif għamel, pereżempju, fil-katidral ta' Għawdex. Minflok ħadem ix-xbihat fl-istudju tiegħu fil-wied ta' Birkirkara fuq biċċiet kbar ta' tila. Meta dawn tlestew twaħħlu f'posthom minn Vella stess bl-għajnuna ta' nies oħra. Din it-teknika tissejjaħ marouflage. Għall-flieli tal-koppla ta' Ħal Safi, Vella pitter simboli li jirrappreżentaw id-doni tal-Ispirtu s-Santu. Fil-lunetti pinġa l-erba' evanġelisti.

Gianni Vella kien ipprepara tliet bozzetti qabel beda x-xogħol. Dawn għadhom jeżistu. Hemm disa' pitturi minjatura tal-koppla. Żewġ inkwatri jirrappreżentaw is-seba' doni u l-Ispirtu Santu u l-ieħor lill-evanġelista San Luqa.

Sadanittant kien intgħażel l-artist Gianni Vella biex jagħmel il-pittura tal-koppla. Vella kien ippreżenta sett ta' bozzetti li jirrappreżentaw is-seba' doni tal-Ispirtu Santu: L-Għerf, il-Fehma, il-Kunsill, il-Qawwa, Ix-Xjenza, il-Pietà u l-Biża' ta'Alla. Għall-erba' evanġelisti tal-lunetti, il-pittur lesta bozzett ta' San Luqa.

Bosta rġiel minn Ħal Safi kienu jaħdmu mal-Airministry f'tarf Ħal Safi. Fosthom kien hemm Pawlu l-Fokli. Dan Pawlu kien imur tajjeb mal-commanding officer. Kull materjal li kien ikollhom bżonn biex jaħdmu fil-knisja, Pawlu kien jitlob u l-uffiċjal jagħtih!

**ET SI ALLIS NON SUM APOSTOLUS,**
**SED TAMEN VOBIS SUM (I Cor . 9 , V.2)**

**ERO VOBIS IN PATREM,**
**ET VOS ERITIS MIHI IN FILIOS (II Cor . 6 , V.18)**

***Jekk għal ħaddieħor m'iniex appostlu, imma għalikom jien żgur. [I Cor 9:12]***
***Inkun għalikom missier, u intom tkunu għalija wlied. [II Cor 6:18]***

Dan kliem San Pawl li jinsab fit-tambur tal-koppla. Kien ġie maħdum bil-munxar bl-injam tal-kawba minn Wiġi Monreal (mastrudaxxa bravu ħafna) u megħjun minn Pawlu Mifsud li kellu s-sengħa ta' mastrudaxxa. Pawlu kien ukoll żebagħ il-kliem bil murdent qabel ma ġew indurati.

**L-inawgurazzjoni**
L-Isqof Emanuel Galea kien mistieden biex fl-1 ta' Jannar 1951 ibierek il-pittura tal-koppla. Għall-inawgurazzjoni kienu dendlu d-drapp taħt il-koppla. Indrì Zammit kien inkarigat jitla' f'waħda mit-twieqi tal-koppla. Minn isfel, meta l-Isqof ġibed il-ħabel mil-ġummiema, Indrì kellu jiġbed it-tarf l-ieħor biex mal-ħabel anke d-drapp jitla' 'l fuq. Tant għamel kurrent ta' arja qawwija d-drapp, li kemm id-drapp u Indrì kienu għoddhom intefgħu 'l barra mit-tieqa! Hekk irrakkonta Dun Karm, iben Indrì nnifsu.

Raħal żgħir. Popolazzjoni żgħira. In-nies għadhom kif ħarġu mit-tifrik u l-ġuħ tal-gwerra. Mezzi u servizzi ftit li xejn – la ilma fid-djar, la elettriku, la servizzi sanitarji. Però l-Ħal Safin kienu dejjem qalbiena, ġenerużi u ħaddiema beżlin li grazzi għalihom ħallew opri u wirt prezzjuż biex ingawduh. U ta' dan aħna ferm kburin!

*Bibljografija: Dr Christian Attard, Gianni Vella – The life and works of a twentieth-century Maltese artist. Ippubblikat minn Midsea Books Ltd 2013. Fotografu Joe Borg. Stamperija Gutenberg Press, Malta.*

*Is-Sur Paul Callus, Ħal Safi. Ippubblikat minn Paul Callus f'Ġunju 1998. Disinn Joe Zammit Ciantar. Stamperija Gutenberg, Tarxien.*

# Mario Service Station

## 3D Wheel Alignment

*Nagħmlu xogħol ta':*

*Punctures,*

*Computerised wheel balance,*

*General service,*

*New tires all brands,*

*Car & motor batteries*

*Kull tip ta' Alloy Wheels*




*Żurrieq Road, Safi - Tel:2764 1419*

# Kappella b'dehra ġdida u b'Katekeżi Pawlina

*Anthony Dimech - Superjur M.U.S.E.U.M subien*

### *Kappella b'dehra ġdida*



Nhar is-Sibt, 5 ta' Mejju 2018, waqt iż-żjara li l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna għamel fil-parroċċa ta' Ħal Safi, bierek il-kappella rinovata li tinsab fil-Museum tas-Subien. Dakinhar l-Arċisqof kellu jiltaqa' mal-Operaturi Pastorali fil-Kappella u qabel għamel hekk hu bierek il-kappella fil-preżenza sabiħa ta' numru ta' ġenituri, tfal, benefatturi u ħbieb tal-Museum.

Il-programm kien wieħed sempliċi. Wara introduzzjoni żgħira mis-Superjur, inqrat silta mill-Ittri ta' San Pawl, sar xi talb u fl-aħħar kellna kelmtejn mill-Arċisqof. L-Arċisqof tkellem b'ħeġġa kbira fuq San Ġorġ Preca u stieden lin-nies preżenti biex jimitaw il-virtujiet tiegħu u lit-tfal biex ikomplu jattendu għat-tagħlim. Fl-aħħar tal-laqgħa, is-Superjur ippreżenta tifkira magħmula mis-soċji stess lil Mons. Arċisqof.

### *B'disinn li jesprimi l-Konverżjoni ta' San Pawl*

Id-disinn tal-kappella, b'mod partikulari tas-saqaf, sar minn soċju tal-MUSEUM stess, Tonio Caruana.  Hu disinn ibbażat fuq il-konverżjoni ta' San Pawl u s-sejħa tiegħu biex jimxi wara Kristu: jirreferi għal silta biblika li aħna nafuha sewwa – meta Sawl, fi triqtu lejn Damasku, inbidel u sar bniedem ġdid, appostlu li kellu jwassal il-messaġġ ta' Kristu kullimkien.

Il-bidla minn Sawl għal Pawlu tidher fil-kliem:

**'Idda madwaru dawl' … 'u ma seta' jara xejn'**.

Id-disinn ta' din il-kappella jipprova jaqbad u jirrifletti l-episodju tat-trasformazzjoni ta' Sawl minn Tarsu, li minbarra milli huwa rrakkontat fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, San Pawl innifsu jirreferi għalih għal aktar minn darba fl-ittri li kiteb. Sawl jitlaq minn Ġerusalemm ċert kemm mill-missjoni kif ukoll mit-triq li għandu quddiemu li jaqbad lil diversi Nsara u jeħodhom Ġerusalemm – **simbolizzata mill-ewwel panew abjad fuq sfond aħmar imdemmi**. Iżda

din iċ-ċertezza tiġi maqtugħa ħesrem hekk kif dawl iwaqqgħu fl-art u jagħmih – **simbolizzata bl-ewwel spazju vojt fid-disinn.** Imsammar fl-art, konfuż u mifxul, Sawl jidħol fi djalogu ma' Kristu li filwaqt li għal ftit jeħodlu d-dawl fiżiku, jagħtih id-dawl tal-fidi – **simbolizzat mill-akbar panew abjad li huwa ċċentrat f'nofs il-kappella**. Għal tlett ijiem, Sawl jesperjenza emozzjoni qawwija ta' stennija, żmien li fih lanqas biss jiflaħ jiekol jew jixrob xi ħaġa – **simbolizzat mit-tieni spazju vojt fid-disinn tas-saqaf.** Ananija jiġi u jkellem lil Sawl u waqt li Sawl jilqa' kliem Ananija, jirkupra d-dawl t'għajnejh u jlesti ruħu għal vjaġġ ieħor, din id-darba mhux ippjanat minnu, imma minn Ġesù li jagħżlu biex ikun l-Appostlu tal-Ġnus – **simbolizzat bl-aħħar panew abjad fuq sfond ħamrani li ma jirrappreżentax aktar id-demm imma l-imħabba.**

Dan hu l-MUSEUM u din hija l-esperjenza li l-membri jitolbu li jgħaddu minnha u jgħinu lil min jiġi f'dan il-bini b'din l-atmosfera biex iduq imqar ftit minnha: trasformazzjoni minn ħajja li ngħixha kif jidhirli jiena għal dik orjentata mill-Ispirtu ta' Ġesù, u li l-fundatur San Ġorġ Preca kien iħobb jesprimi billi jitlob: ***"Sinjur Alla iggwidani f'kull triq tiegħi."***



U din it-talba, qed inqisha waħda speċjali għalija f'dan il-mument ta' ħajti fejn qed niġi msejjaħ biex wara 9 snin bħala Superjur ta' Ħal Safi u Ħal Kirkop, issa se nintbagħat naqdi lis-Soċjetà tal-Museum bħala Superjur ukoll fl-oqsma tal-Imqabba u l-Qrendi. Għaldaqstant dan hu l-aħħar messaġġ li qed nikteb bħala Superjur tal-Museum f'Ħal Safi. Nista' ngħid li kienu 9 snin li mhux se ninsiehom kif ġieb u laħaq għax fihom għamilt diversi ħbiberiji ġodda li se jibqgħu f'qalbi, kbirt fl-imħabba lejn San Pawl, u fuq kollox għent biex il-Museum f'Ħal Safi jingħata dehra isbaħ minn kif sibtu. Fihom iltqajt ma' diversi tfal, adolexxenti u żgħażagħ u flimkien skoprejna minn hu Ġesù fil-ħajja tagħna. Jalla fil-familji tagħkom tibqa' tikber l-imħabba lejn San Pawl. Jalla aktar adolexxenti u żgħażagħ Ħalsafin jiskopru l-vokazzjoni museumina – vokazzjoni meraviljuża fid-dinja tal-lum. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil sħabi s-soċji u l-kandidati, lill-ġenituri tat-tfal, lid-diversi kappillani li ħdimt magħhom, fosthom lil Dun David Farrugia tad-diversi pariri siewja li tani, lil Dun Karm – qassis li l-Musuem jinsab f'qalbu, lis-superjura u s-soċji bniet, lill-Ħalsafin kollha u fuq kollox lilkom tfal u żgħażagħ. Nitolbu għal xulxin.

## “Kull ma smajt mingħandi quddiem ħafna xhieda, għaddih lil nies ta’ fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn” - 2 Tim. 2:2

*Grace D’Amato - Superjura M.U.S.E.U.M bniet*

San Ġorġ Preca, jew kif baqa’ magħruf fostna l-Maltin, Dun Ġorġ, kien iħobb jgħid: *“Min iħobb lil Alla mhux kuntent li jħobbu waħdu.”* Għalhekk b’ispirazzjoni mis-sema, inxteħet b’ruħu u b’ġismu għat-tagħlim tal-Katekiżmu fost il-poplu ta’ żmienu. Beda jlaqqa’ xi żgħażagħ biex imbagħad fis-7 ta’ Marzu 1907, Dun Ġorġ fetaħ l-ewwel dar tal-Museum fil-Ħamrun.

***Dun Ġorġ u San Pawl***

Dun Ġorġ kien iħobbu ħafna lil San Pawl. Kien iqisu bħala *Magister*, Mgħallem, u m’hemmx dubju li kien influwenzat ħafna minnu. Jekk kien hemm vers fl-Iskrittura li fissirlu dak li Alla ried minnu bħala qassis, dan il-vers huwa sabu f’San Pawl: *“u kull ma smajt mingħandi quddiem ħafna xhieda, għaddih lil nies ta’ fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn.”* (2 Tim 2,2). Dun Ġorġ ħass li dan il-vers qed ikellem lilu meta San Pawl kien qed jindirizza lil Timotju.

Dun Ġorġ kien jgħid li l-fidi f’Malta ġabha San Pawl bil-qawwa ta’ Alla u la s-Soċjetà tal-Museum qed twassal l-Evanġelju lin-nies, allura l-fundatur ta’ din l-għaqda għandu jiġi meqjus San Pawl. Dan kien jagħmlu u jgħidu biex iżomm lilu nnifsu fl-umiltà. Fil-Programm speċjali li kiteb Dun Ġorġ għall-membri tal-Museum bl-isem ‘*Sanctus Paulus Magister*’, jikteb hekk:

> *“Inħeġġu lil xulxin biex nimitaw lil San Pawl fil-virtujiet tiegħu kollha u speċjalment fil-ħeġġa tiegħu għas-salvazzjoni tal-ħajja bil-kelma u bl-eżempju. Ma nkunux inqarrqu bina nfusna xħin aħna nimitawh għaliex nafu tajjeb li huwa imita lil Kristu Ġesù, u għall-imħabba tiegħu lejh, la ħafer lil saħtu u lanqas lil ħajtu biex jagħtih l-għajnuna fit-tagħlim tal-Evanġelju Mqaddes. Jekk inkunu fidili nibdew minn din id-dinja ngawdu l-paċi tal-qalb tagħna u nimmeritaw għalina l-kuruna l-kbira tal-ġustizzja li l-imħallef divin Kristu Ġesù għad jagħti lil kull min għallem u għamel, u li l-Fundatur tagħna l-Imqaddes Pawlu diġà rċieva minn idejh għall-ħidma tax-xogħol u tal-imħabba tiegħu, u issa inkurunat qiegħed mis-sema jindokra lilna bil-protezzjoni qawwija tiegħu, speċjalment fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħna.”*

Dan il-kliem tant xieraq u addattat intuża' saħansitra mill-Papa Emeritus Benedittu XVI waqt il-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ, li ġiet iċċelebrata f'San Pietru fil-Vatikan nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju 2007, meta tkellem bil-Malti u qalilna: *"... San Ġorġ Preca huwa l-ewwel iben kanonizzat tal-art ħelwa tagħkom. Huwa t-tieni missier tagħkom fil-fidi wara l-Appostlu San Pawl. Huwa jitlob dejjem għalikom biex tkunu tassew ħbieb l-Evanġelju."*

***Dun Ġorġ u t-Tagħlim***

Dun Ġorġ kien tassew jemmen li t-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid, u għalhekk ried li kulħadd isir jaf fuq Ġesù, kif tixhed anke t-tifsira li ta lill-isem 'MUSEUM', *'Magister Utinam, Segwatru, Evangelium Universus, Mundus' - Mgħallem mhux li kien id-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju tiegħek*. Dak li persuna titgħallem fuq Ġesù, jiswa għal ħajjitha, tkun fejn tkun, u ma jista' jisraqulha ħadd.

Għalhekk id-djar għat-tagħlim Nisrani bdew jiftħu waħda wara l-oħra fil-parroċċi. Inħass il-bżonn kbir tal-edukazzjoni reliġjuża tal-poplu. It-tfal bdew jiġu kuljum fid-Djar ta' Dun Ġorġ għax hemm sabu nies dedikati li jgħinuhom jikbru, mhux biss fil-ħinijiet tat-tagħlim iżda ukoll waqt il-logħob. Sa mill-bidu nett, Dun Ġorġ obbliga lill-membri tal-MUSEUM li kuljum, wara li jkunu temmew jgħallmu liż-żgħar u lill-kbar, jiltaqgħu flimkien għal siegħa ta' formazzjoni (L-Assenjatur).

Illum, mija u ħdax-il sena wara li Dun Ġorġ fetaħ l-ewwel qasam tal-Museum, is-Soċjetà għadha tkompli twettaq kuljum b'entużjażmu din l-opra: lezzjonijiet tal-katekiżmu għat-tfal ta' etajiet differenti, fejn jiġu ppreparati biex jirċievu s-Sagramenti; lezzjonijiet, attivitajiet varji u ħruġ għall-adolexxenti u żgħażagħ li jħossu l-bżonn li wara li jirċievu l-Griżma tal-Isqof jibqgħu jattendu għat-tagħlim. Isiru diversi attivitajiet ta' krafts, logħob, daqq tal-kitarra u strumenti oħrajn. Jiġu organizzati mixjiet, ħruġ fil-kampanja, mawriet sal-baħar, kif ukoll xi *live-ins*. Kollox isir biex Kristu jkun magħruf u maħbub. Għalhekk inxandruh bi kliemna u b'ħajjitna nwassluh għand l-oħrajn.

Imdawlin mill-eżempju ta' dawn iż-żewġ qaddisin hekk kbar, kif nistgħu aħna ma nitħeġġux bl-imħabba għal Kristu? Kif nistgħu aħna ma nitqanqlux iżjed biex infittxu li nitgħallmu dejjem iżjed fuq l-Evanġelju u nitolbu biex inpoġġuh fil-prattika?

Il-festa t-tajba lil kulħadd!


JOSEPH GATT
GOLD - SILVER
GILDER (INDURATUR)
Block 2, No.9
Old Governor Palace Street,
Vittoriosa
Tel: 2166 4242
Mob: 9986 0648
GHAL
KULL TIP
TA'
NDURATURA
FI DJAR
U
KNEJJES


George Zammit & Sons
RELIGIOUS ARTICLES SUPPLIER EST 1954
• Pjaneti
• Rigali
• Kalċijiet
• Sferi
• Ikoni
• Xemgħa Likwida
• Damaski
146, Old Bakery Street
Valletta VLT09 - Malta
Shop: 2123 2933
Mob: 9985 6842
Find us on Facebook
OPENING HOURS
Monday to Saturday 09.15 - 13.00
gzamson@onvol.net - www.religiousshopmalta.com

# Il-Kosovo: Fejn nitgħallem l-Umiltà u s-Sempliċità

*Daniel Bonnici*

***Sajf li jġegħelni nsiefer għal żmien ta' volontarjat***

Kollox beda erba' snin ilu, meta ddeċidejt li nqatta' l-vaganzi tas-sajf tiegħi nagħmel esperjenza ta' volontarjat. L-għan tiegħi kien li nipprova din l-esperjenza għal darba biss. Iżda mingħajr ma naf kif, din is-sena sarraft it-tielet sajf tiegħi hemm. Minflok gawdejt vaganza tradizzjonali, qattajt il-ħin tiegħi nagħmel volontarjat mas-Sorijiet ta' Madre Tereża ġewwa Kosovo.

***Esperjenza li ma tħallinix bi kwieti u tibdilni***

Ma nsibx kliem biżżejed biex nibda niddeskrivi dak li tħoss meta tgħin lil ta' madwarek. Din l-esperjenza tqanqal diversi emozzjonijiet, fosthom ferħ, sodisfazzjon u xi kultant anki tbatija. Iżda ta' min isemmi wkoll il-fatt li din l-esperjenza tibdillek il-perspettiva tal-ħajja. Dan għaliex tirrifletti fuq dak li huwa veru importanti fil-ħajja ta' kuljum.

***Mat-tfal li jisirqulek qalbek***

Il-ġranet tagħna kienu jibdew billi nieħdu l-kolazzjon flimkien, filwaqt li niddiskutu dak il-logħob li se nagħmlu mat-tfal u kif se tkun imqassma l-ġurnata. Konna ninġabru kollha fejn l-istatwa tal-Madonna biex ngħidu t-talba flimkien u wara nerħulha lejn għalqa vojta, viċin fejn jgħixu t-tfal u l-familji li naħdmu magħhom. Il-maġġoranza ta' dawn il-familji jgħixu fit-triq, jew fi djar b'kamra waħda, mingħajr għamara, dawl u ilma. It-tfal konna niġbruhom f'ċirku u nibdew il-ġurnata permezz taż-żfin u l-mużika.

Wara, konna nqassmulhom xi ħaġa x'jieklu u x'jixorbu. Dawn it-tfal m'għandhom xejn ħlief dawn il-ftit mumenti sbieħ li jqattgħu mas-sorijiet. La dar, la edukazzjoni u lanqas futur. Il-ġurnata ta' dawn it-tfal tibda minn x'ħin titla' x-xemx sa tard billejl. Jittalbu fit-toroq waħedhom, bit-tama li jakkwistaw xi ħaġa għall-familja tagħhom. Ħafna minn dawn iċ-ċkejknin jorqdu bil-ġuħ, iżda ħaġa tal-għaġeb, x'ħin filgħodu aħna nqassmulhom l-ikel, dawn ikunu pronti biex jaqsmu kollox bejniethom. Wara ż-żfin, it-tfal konna naqsmuhom fi gruppi skont l-età.

Dawn it-tfal kienu jesperjenzaw erba' sigħat ta' attivitajiet edukattivi u logħob. Konna nimmeraviljaw ruħna bil-kreattività u l-enerġija pożittiva li għandhom. It-tbissima tagħhom hija xhieda ċara ta' kemm japprezzaw dawn il-mumenti. Għaliex għal dan il-ftit ħin tal-ġurnata, setgħu jesperjenzaw it-tfulija.

***Is-Sempliċità fl-istil tal-Ħajja***

Wara li nispiċċaw l-attivitajiet mat-tfal, il-voluntieri konna nerġgħu niltaqgħu biex nippreparaw l-attivitajiet għall-ġurnata li jmiss. Il-ġurnata tagħna tkun mimlija daqs bajda, u ħafna drabi lanqas ikollok ftit ħin għalik innifsek. Mhux dejjem kien ikollna ċans nikkomunikaw ma' tad-dar jew inkella nidħlu fuq l-internet. Din l-esperjenza tagħtik iċ-ċans li tesperjenza s-semplicità tal-ħajja. Tibda tirrealizza li għalkemm aħna għandna l-kumditajiet kollha, ħafna drabi m'aħniex kapaċi nesperjenzaw dak il-ferħ.

***Min jagħti hu aktar hieni minn min jirċievi***

Iż-żmien jgħaddi malajr wisq. Morna bit-tir li ngħinu, iżda fil-verità kienu huma li għenu lilna. Dawn iċ-ċkejknin għallmuna kif napprezzaw kull mument tal-ħajja, anki meta ma jkollok xejn. Esperjenzajna perspettiva oħra tal-ħajja. Mother Teresa kienet tgħid *"L-imħabba tibda bi tbissima!"* Dawn it-tfal, fis-sempliċità tagħhom għallmuna x'inhi l-vera mħabba. Din l-esperjenza flimkien mas-Sorijiet ta' Madre Tereża, tagħtina ċ-ċans biex nesperjenzaw ftit mill-ħajja ta' umiltà u sempliċità ta' dawn is-sorijiet. It-tbissima, it-tgħanniqa sinċiera tagħhom, u l-imħabba li għandhom dawn is-sorijiet lejn l-ifqar fost il-fqar, jibdlulek ħajtek.


Johnny Holidays
Travel Centre

John Zammit

*Incoming Travel Agency*

Triq il-Bronja
Żurrieq
MALTA

Tel: (+356) 2164 7647
Mob: (+356) 7944 4082
Fax: (+356) 2164 7640
e-mail: info@johnnyholidays.com
**www.johnnyholidays.com**

# *Mir-Reġistri tal-Parroċċa*

*(Mill-Festa l-oħra 'l hawn)*

**Bdew il-Ħajja Nisranija:**



Krista Marie Pace, Layken Schembri, Thomas Borg, Jack Attard, Alejandro Barry Abdilla, Giuliana Abdilla, Matteo Cutajar, Evelynn Marie Liddell, Martina Briffa, Valentina Briffa, Emily Gatt, Naomi Chetcuti, Pearl Marie Busuttil, Ema Mangion.

**NIFIRĦULHOM!**



**Għamlu l-Ewwel Tqarbina – 27 ta' Mejju 2018:**

Mattias Abdilla, Andrea Attard, Luke Borg, Alexander Buhagiar, Keyan Busuttil, Pietru Cachia, Jerome Mifsud Falzon, Michele Muscat, Denilson Pace, Jamie Pace, Reon Pace, Giacomo Portelli, Luke Sciberras, Wilmar Sciberras, Gianluca Shead Farrugia, Nolan Zahra, Jan Zammit, Shalaya Abdilla, Noella Borg Busuttil, Sasha Buhagiar, Aaliyah Busuttil, Emilja Mari Cachia, Natalia Marie Farrugia, Rakela Mifsud Inguanez, Schezia Schembri, Martha Vella, Acacia Wilfred, Melvin Wilfred, Manfred Wilfred.

**NAWGURAWLHOM!**

**Irċevew il-Griżma tal-Isqof – 22 ta' Ottubru 2017:**



Eman Paul Busuttil, Kurt Calleja, Alexander Cutajar, Elwyn Jaden Dalli, Ryan Farrugia, Walter Galea, Lee Gatt, Gabriel Sciberras, Alec Charles Vella, Paolo Zammit, Mariah Abdilla, Maya Attard, Rowena Bugeja, Kaycie Caruana, Maya Chetcuti, Martina Cutajar, Naomi Pisani, Chanelle Polidano, Shevaun Rooney.

**L-ISPIRTU TA' ALLA JKABBARHOM FIH!**

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**



Darren Coleiro ma' Jenny-Lee Zammit
Clayton Caruana ma' Ritianne Bugeja
Keith Tufigno ma' Janelle Caruana
Paul Bonnici ma' Deborah Pace
Bjorn Pace ma' Cherise Attard
Pawlu Boyce ma' Maria Calleja
Rodianne Zerafa ma' Darren Schembri
Joseph Pace ma' Charlene Bonnici

**NAWGURAWLHOM!**

**Daħlu Jistrieħu fil-Ħajja ta' Dejjem:**



Catherine Zammit, Violet Cachia, Assunta Fenech, Andreana D'Amato, Leonard Zammit, Lorenza Sacco, Angela Dalli, Katarina Monreal, Catherine Busuttil, Paul Grech, Joe Monreal, Francis Grixti, Maria Barber, John Busuttil, Elizabeth-May Zammit, Pauline Grech, Maria Caruana, Pawla Busuttil, Alan Boyce, Karmenu Farrugia, Francesca Camilleri, Doris Mangion.

**NITOLBU GĦALIHOM!**



## AVVIŻ - BUKKETT LI MA JINXIFX

Napprezzaw li matul il-jiem tal-festa,
apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski,
nagħmlu wkoll il-**bukkett li ma jinxifx**,
jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta
li mhux biss issebbaħ, imma li tibqa' titgawda wkoll.

Din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx se jmur
b'riżq l-ispejjeż għar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum,
għas-sistema ġdida tas-sound tal-knisja,
u għall-bankun ġdid tal-forċini tal-istatwa ta' San Pawl.

Grazzi tal-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.

# ARBURAL

**GĦALL-FESTA NISRANIJA**

**Ix-xahar l-ieħor irċevejtu l-envelop tal-ARBURAL.**

**Is-sehem tiegħek hu IMPORTANTI u TA' ĦTIEĠA KBIRA.**

**Tgħidx: "Kemm kellna festa sabiħa!" u ma tkunx tajt is-sehem tiegħek.**

**Ibgħat l-envelop lill-Kappillan fl-Uffiċċju Parrokkjali.**

**GRAZZI! GRAZZI! GRAZZI!**

*Quddiesa kuljum tagħmel il-ġurnata isbaħ.*
*Ġesù l-ħin kollu jistenniena.*

**Ħinijiet tal-Quddies**
**PARROĊĊA SAN PAWL – SAFI**

**Matul il-ġimgħa – 7:30 am u 6:30 pm;**
**Ħdud u Festi Kmandati – 6:45 am, 9:00 am;**
**Filgħaxija – 5:30 pm (fix-xitwa), 6:00 pm (fis-sajf).**





parroccasafi.wordpress.com

f: facebook.com/paroccaHalsafi